KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.10.2007
KUMM(2007) 640 finali

# KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2008

**KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Programm Leġiżlattiv u ta’ Ħidma tal-Kummissjoni 2008**

## 1. INTRODUZZJONI

L-UE miexja 'l quddiem. Bil-ftehim li għadu kif intlaħaq fil-Kunsill Ewropew informali, it-Trattat ratifikat ta' Liżbona jfisser li l-UE se tkun tista' tilqa' l-isfidi u toħroġ b'linji ta' politika għas-seklu 21. L-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi qiegħda twassal għal prestazzjoni ekonomika aħjar. L-UE daħlet għal impenn storiku biex taffaċċja t-tibdil fil-klima u biex tinkiseb enerġija li fuqha wieħed jista' jiddependi, li tkun kompetittiva u sostenibbli. Il-Kummissjoni bdiet tfassal il-qafas ta' linji ta' politika għall-futur permezz ta' reviżjoni mill-ġdid tas-suq intern u bl-*istocktaking* li qed tagħmel tas-soċjetà Ewropea. Il-konsultazzjoni li bħalissa għaddejja dwar il-baġit ta' l-UE se tgħin fil-preparazzjoni tar-reviżjoni ta' waħda mill-għodod ewlenin ta' l-UE għall-għaxar snin li ġejjin u lil hinn minnhom. L-Ewropa qiegħda wkoll tmexxi 'l quddiem b'relazzjonijiet ġodda ma' msieħba ewlenin fil-viċinat, fl-Afrika u madwar id-dinja. Bl-aħħar tkabbir li issa seħħ, l-UE għandha issa daqs ġdid u tista' tasal aktar lil hinn. Jeżisti qbil ġenerali reali – espress fil-Kunsill Ewropew informali ta' Ottubru 2007 u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Istrateġija ta' Politika Annwali għall-2008 - li l-attenzjoni għandha tinxteħet fuq il-ħila ta' UE ta' 27 li mill-globalizzazzjoni tagħraf toħloq opportunità għaċ-ċittadini tagħha. Dan kollu huwa ta' sfond eċċellenti għall-ambizzjonijiet ta' l-UE għall-2008.

### Programm ta' Ħidma ffukat

Fl-2008, il-Kummissjoni se tkompli tiffoka fuq il-kisba tar-riżultati fi ħdan l-għanijiet strateġiċi ġenerali mfissra fil-bidu tal-mandat tagħha: il-prosperità; is-solidarjetà; is-sigurtà u l-libertà, u Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja[1]. Dawn l-għanijiet jagħtu d-direzzjoni ewlenija lill-ħidma tal-Kummissjoni, u jikkostitwixxu l-forza li tmexxiha biex hija tfassal il-linji ta' politika ambizzjużi tagħha.

Il-biċċa l-kbira tat-temi li huma fuq quddiem fl-aġenda politika jikkonċernaw diversi għanijiet strateġiċi u jikkontribwixxu għal ħafna minnhom, jew inkella għal kollha. Intant, l-isfidi għall-UE bħall-ħidma dwar it-tbdil fil-klima, l-iżvilupp ta' Politika ta' l-Enerġija għall-Ewropa jew l-immaniġġjar tal-flussi migratorji, isejħu għal metodoloġija komprensiva, flessibbli u koerenti, li tifrex lil hinn mill-fruntieri tradizzjonali: dawn il-kwistjonijiet iridu jiġu indirizzati sew permezz ta' azzjoni mill-istituzzjonijiet ta' l-UE, kif ukoll flimkien ma' aġenti oħra fl-UE, u permezz ta' metodoloġija globali ma' msieħba madwar id-dinja kollha. Ir-reviżjoni tal-baġit ta' l-UE li għandu jkun ippreżentat fl-2008/9 huwa eżempju ieħor ewlieni ta' fejn wieħed irid iħares b'mod ħolistiku lejn il-linji ta' politika ta' l-UE.

---

1 KUMM(2005) 12.

Bħal fl-2007, il-Programm ta' Ħidma għall-2008 huwa ffukat u jikkonċentra fuq għadd limitat ta' inizjattivi ta' politika. Jinkludi inizjattivi strateġiċi li l-Kummissjoni qed timpenja ruħha li twettaq matul is-sena u inizjattivi prijoritarji li għandhom jitwettqu fuq perjodu ta' bejn 12 u 18-il xahar.

L-inizjattivi strateġiċi u ta' prijorità kollha mħabbra f'dan il-Programm ta' Ħidma se jsirilhom eżami ta' kwalità permezz ta' evalwazzjoni ta' l-impatt. Barra minn dan, l-obbligu li jiġi stmat l-impatt qabel ma tkun proposta inizjattiva se jiġi mifrux ukoll għal inizjattivi oħra. L-istimi ta' l-impatt se jkunu eżaminati minn Bord ta' l-Istima ta' l-Impatt[2]. L-istimi ta' l-impatt jiġu ppubblikati, inkluż kull meta dawn iwasslu biex proġett jitwarrab[3].

Fit-tħejjija ta' dan il-Programm ta' Ħidma, il-Kummissjoni qieset bis-sħiħ ir-riżultati tad-djalogu li sar mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar l-Istrateġija Annwali ta' Politika (SAP) għall-2008[4], kif ukoll il-kontribut li sar mill-parlamenti nazzjonali. Dan il-Programm huwa wkoll l-ewwel wieħed li qed jinkludi prijoritajiet ta' komunikazzjoni inter-istituzzjonali għall-2008. Sabiex tkun riflessa aħjar in-natura multi-annwali ta' bħalissa tal-biċċa l-kbira ta' l-attivitajiet tal-Kummissjoni, u sabiex isir sforz biex tissaħħaħ it-trasparenza b'mod ġenerali, dan il-Programm ta' Ħidma jintroduċi kapitlu ġdid li jidentifika kwistjonijiet li dwarhom se taħdem il-Kummissjoni fl-2008 li jistgħu jwasslu għal inizjattivi ġodda fis-snin li ġejjin.

## 2. IL-PRIJORITAJIET GĦALL-2008

### It-Tkabbir u l-Impjiegi

L-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi tibqa' l-istrument ewlieni għall-promozzjoni ta' Unjoni Ewropea iktar għanja, li tieħu ħsieb l-ambjent u li tkun soċjalment inklużiva, fi sħubija ma' l-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2008 se jagħti lill-UE l-opportunità li tirrifletti dwar jekk l-istrateġija ta' Liżbona tinħtieġx irfinar sabiex tkun tista' tindirizza b'mod aktar effettiv l-isfidi tal-globalizzazzjoni. Fl-2008 se jkun hemm ukoll l-ewwel riżultati ta' sforz ieħor sabiex tintuża l-influwenza tal-politika ta' koeżjoni ta' l-UE sabiex l-istrateġija ta' Liżbona tkun implimentata fuq livell reġjonali.

It-tkabbir fl-għadd ta' impjiegi biex dan jitqarreb lejn il-mira għar-rata ta' impjiegi ffissata fl-istrateġija ta' Liżbona jipprovdi bażi għat-tkabbir ekonomiku, għal kwalità ta' ħajja aħjar u bażi sabiex tintlaqa' l-isfida ta' popolazzjoni li qed tikber fl-età. Dan jirrekjedi taħlita ta' flessibbiltà u sigurtà għall-ħaddiema u għal dawk li jħaddmu, b'inċentivi u opportunitajiet għal tagħlim tul il-ħajja. Fl-istess ħin, l-UE trid issib mezzi ġodda sabiex tippromwovi l-aċċess u l-opportunità fis-soċjetà u sabiex tindirizza r-riskji u l-kawżi ta' l-esklużjoni soċjali u tal-faqar permezz ta' linji ta' politika għall-inklużjoni attiva u sabiex tgħin biex it-tibdil ikun antiċipat. Għandha tinġieb 'il quddiem ukoll protezzjoni soċjali xierqa.

---

[2] Imwaqqaf f'Novembru 2006 taħt l-awtorità tal-President tal-Kummissjoni sabiex jipprovdi appoġġ u kontroll indipendenti ta' kwalità.

[3] Eżempji ta' proposti li ma saritx ħidma fuqhom fl-2007 bħala riżultat tal-ħidma ta' stima ta' l-impatt huma: Il-proposta biex ikun modernizzat u msaħħaħ il-qafas ta' organizzazzjoni għat-trasport fl-ilmijiet interni fl-Ewropa, il-proposta għal Rakkomandazzjoni dwar il-Proporzjonalità bejn il-kapital u l-kontroll fil-kumpaniji, il-proposta għall-14-il Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji dwar it-trasferimet ta' uffiċċju reġistrat ta' kumpanija, jew il-proposta għal Deċiżjoni dwar il-protezzjoni tax-xhieda u individwi li jikkooperaw mal-proċess ġudizzjarju.

[4] KUMM(2007) 65.

L-iżvilupp ta' soċjetà ta' għarfien huwa fil-qofol ta' l-istrateġija għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' l-impiegi u l-Kummissjoni se tkompli tħares lejn modi ġodda sabiex tippromwovi l-edukazzjoni, it-taħriġ, ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala parti mill-istrateġija ta' Liżbona.

Ir-Reviżjoni tas-Suq Uniku identifikat inizjattivi ġodda, li ħafna minnhom se jkunu ppreżentati fl-2008, li se jseddqu Suq Uniku msejjes fuq bażi industrijali b'saħħitha, innovattiva u kompetittiva u li jkabbar kemm jista' l-potenzjal sħiħ ta' servizzi, fejn il-konsumaturi u n-negozju jibbenefikaw minn swieq miftuħa li jkunu qed jaħdmu kif suppost, b'mod li jkun hemm ċansijiet ugwali għal kulħadd u fejn l-*istandards* Ewropej ikunu jistgħu jservu ta' ispirazzjoni fuq livell internazzjonali. Fil-qasam tas-servizzi finanzjarji *retail* u f'oqsma fejn il-linji ta' politika jistgħu jiksbu l-akbar impatt possibbli sabiex sew il-klijenti kif ukoll il-kumpaniji, b'mod partikolari impriżi żgħar u medji (SMEs), jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mis-suq intern, il-Kummissjoni se tiffoka fuq ħidma biex is-swieq jaħdmu aħjar. Għal dan hemm bżonn ta' azzjoni mmirata, bħal sorveljanza tas-suq aktar ikkoordinata biex tkun żgurata l-konformità mar-regoli u ma' l-istandards ta' prodotti u servizzi, monitoraġġ tas-suq u skond is-settur li tkun aktar sistematika, kif ukoll metodoloġija sabiex titkejjel il-prestazzjoni tas-suq intern mill-perspettiva tal-konsumatur.

Peress li huma l-impriżi ż-żgħar u medji li l-aktar li joħolqu impjiegi u ġid fl-Ewropa, għandhom jitħejjew, f'"Att dwar in-Negozji Żgħar", miżuri speċifiċi sabiex titjieb il-prestazzjoni tagħhom.

Mill-1 ta' Jannar 2008, Malta u Ċipru se jkollhom l-euro bħala l-munita tagħhom. L-euro huwa simbolu ta' identità komuni, valuri komuni u tas-suċċess ta' l-integrazzjoni Ewropea. Għaxar snin wara t-twaqqif ta' l-EMU, il-Kummissjoni se twettaq *reviżjoni strateġika ta' l-Għaqda Monetarja Ewropea (EMU)*, bi proposti għall-futur.

**Ewropa Sostenibbli**

Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima se tkun parti integrali mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni fl-2008 biex tkun żgurata l-prosperità sostenibbli għall-Ewropa. Iżda hekk kif it-tibdil fil-klima diġà qed iseħħ, l-UE trid li tagħti ħarsa ġdida lejn kif il-linji ta' politika pubblika għandhom ikunu ta' għajnuna fil-proċess ta' adattazzjoni għal realtajiet iġodda. Il-Kummissjoni se tipproponi *White Paper dwar l-adattament għall-impatt tat-Tibdil fil-Klima.* Firxa wiesgħa ta' linji ta' politika ta' l-UE – bħas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali, l-agrikultura, is-sajd, il-bijodiversità, l-enerġija, l-industrija, ir-riċerka u t-turiżmu – iridu jiġu aġġustati, u l-*White Paper* se tfittex li tidentifika fejn hija l-aktar meħtieġa l-bidla. Se tingħata attenzjoni partikolari *lis-settur tat-trasport, biex dan ikollu anqas impatt fuq l-ambjent.* L-implimentazzjoni tal-*Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES)* se tipprovdi għodda qawwija ħafna għal dan l-aġġustar tal-linji ta' politika ta' l-UE.

Fid-dawl tal-Kunsill tar-Rebbiegħa fl-2009, il-Kummissjoni se tippreżenta *it-Tieni Reviżjoni Strateġika dwar l-Enerġija*, li għandha sservi ta' bażi għall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija mill-2010 'il quddiem u għandha tinkludi reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija sabiex jintrabtu aħjar l-għanijiet fiskali u ambjentali . Jeħtieġ li tissaħħaħ is-solidarjetà bejn l-Istati Membri f'mument meta l-limitazzjonijiet naturali tar-riżorsi u domanda akbar minn madwar id-dinja qed jheddu s-sigurtà tal-provvista.

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) se tiġi analiżżata sabiex isir "*magħruf jekk ir-riforma*" ta' l-2003 dwar l-iskema tal-pagament wieħed u ċerti swieq agrikoli, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri, għandhomx bżonn jiġu raffinati aktar. Dan għandu wkoll jwitti t-triq għal kif għandha tkun fil-futur il-PAK, u x'prijoritajiet għandha jkollha.

Il-politika marittima ta' l-UE hija eżempju ieħor ta' kif metodoloġija integrata ta' l-UE tista' tiġbor flimkien l-elementi ta' linji differenti ta' politika għall-iżvilupp sostenibbli ta' l-attivitajiet kollha bbażati fil-baħar u tar-reġjuni tal-kosta. L-abbozzar mill-ġdid u t-tisħiħ tal-qafas ta' kontroll tal-Politika Komuni tas-Sajd se jirrappreżenta pass deċiżiv lejn is-sostenibblità fis-sajd.

**Metodoloġija integrata dwar il-migrazzjoni**

Il-Kummissjoni se tipproponi aktar passi lejn *politika komuni dwar il-migrazzjoni.* Il-migrazzjoni u l-integrazzjoni soċjali jirrappreżentaw sfidi ċentrali fis-Seklu 21 u għandhom bżonn metodoloġija multi-dimensjonali sabiex jitwettaq il-potenzjal tal-migrazzjoni għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku sew fil-pajjiż ta' l-oriġini kif ukoll f'dak tad-destinazzjoni. Dan ifisser l-għaqda bejn migrazzjoni ġestita tajjeb ta' min qed ifittex ix-xogħol, l-appoġġ għall-migrazzjoni ċirkolari u l-promozzjoni ta' l-edukazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti fil-kuntest aktar wiesa' tal-ġestjoni tat-tibdil demografiku fis-soċjetajiet tagħna. Tinħtieġ ukoll azzjoni effettiva kontra l-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.

L-UE għandha bżonn tħares il-fruntieri esterni tagħha permezz ta' strumenti komuni, sabiex ma tħallix li ssir il-migrazzjoni illegali u timmassimizza l-isforzi kontra t-traffikar tal-bnedmin u tnaqqas l-imwiet traġiċi ta' immigranti fuq il-baħar hekk kif ikunu qed jippruvaw jilħqu l-fruntieri tagħna. Fl-2008 se tiġi evalwata l-ħidma ta' l-*Aġenzija għall-Fruntieri Esterni* u l-Istati Membri se jkunu megħjuna fl-indirizzar ta' l-immigrazzjoni illegali permezz ta' *sistema ta' sorveljanza Ewropea*.

Il-Kummissjoni se tfassal il-ġejjieni ta' *Politika ta' Ażil Komuni Ewropea* li tkun koerenti u effiċjenti. Din tkun tinkludi b'mod partikolari l-adattament ta' leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-kundizzjonijiet tal-postijiet fejn jintlaqgħu l-immigranti u l-kriterji li bihom jiġu evalwati, sabiex ikun hemm aktar armonizzazzjoni ta' regolamenti nazzjonali dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà u progress lejn proċedura waħda għall-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għal stat ta' refuġjat. Permezz ta' dan jista' jkun hemm tassew espressjoni tal-valuri Ewropej ta' solidarjetà.

**Iċ-ċittadini fl-ewwel post**

Wieħed mill-għanijiet ta' din il-Kummissjoni huwa dak li ċ-ċittadin ikun fiċ-ċentru tal-proġett Ewropew. Dan jissarraf f'tipi differenti ta' inizjattivi.

L-Analiżi tar-Realità Soċjali, biswit ir-reviżjoni tas-suq intern, qed tagħti ħarsa lejn it-tibdil li għaddej fl-ekonomiji u s-soċjetajiet ta' l-Ewropa, bil-ħsieb li jinstab kif ir-riżq taċ-ċittadini Ewropej jista' jitmexxa 'l quddiem bl-aħjar mod f'dinja globalizzata. L-analiżi se tkun il-bażi għall-iżvilupp ta' aġenda soċjali moderna għall-Ewropa – aġenda li ġġib 'il quddiem, fost affarijiet oħra, ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali ma' dik privata u tal-familja u li tfisser kif l-UE tista' taħdem għalenija ma' l-Istati Membri sabiex tiġġieled id-diskriminazzjoni u toffri aċċess għall-opportunitajiet lill-Ewropej kollha.

L-UE għandha wkoll titħejja sew sabiex tkun tista' tamministra r-riskji ta' sigurtà, saħħa u sikurezza inerenti f'dinja miftuħa. Id-dimensjoni Ewropea dwar is-servizzi tas-saħħa se titmexxa 'l quddiem permezz ta' inizjattivi konkreti dwar *is-sigurtà tal-pazjenti* u *l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa.*

L-Internet u l-mezzi tal-*media* l-ġodda qed jevolvu bla waqfien. L-infrastrutturi tal-komunikazzjoni u ta' l-informazzjoni saru aktar marbuta flimkien mill-qrib u fuq livell globali. Teknoloġiji ġodda jġibu magħhom possibbiltajiet ġodda, applikazzjonijiet ġodda u sfidi ġodda. Metodoloġija Ewropea koerenti hija essenzjali għall-iżvilupp ta' swieq ġodda f'ambjent bla perikli.

Fl-aħħarnett, is-sena tad-Djalogu Interkulturali fl-2008 se tgħin biex jinbnew pontijiet ġodda u rabiet aktar mill-qrib tul l-Ewropa.

**L-Ewropa bħala msieħba dinjija**

Il-globalizzazzjoni qed toħloq opportunitajiet ġodda u fl-istess ħin qed tkun ta' prova għall-ħila ta' l-Ewropa li tinfluwenzaha u li żżomm il-konsegwenzi tagħha taħt kontroll. Qed jidher dejjem aktar li l-għanijiet ta' politika interna u esterna huma marbuta ma' xulxin daqs qatt qabel, ħaġa li tindika l-ħtieġa ta' viżjoni moderna u integrata dwar kif l-interessi u l-valuri ta' l-Ewropa għandhom jiġu mwassla, promossi u protetti b'suċċess.

Il-politika ta' tkabbir ta' l-Unjoni qed tifrex il-paċi u l-istabbiltà, il-prosperità, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt tul l-Ewropa. Il-politika Ewropea tal-viċinat qed tgħin biex jinbena viċinat stabbli fejn jitkattar il-ġid, ibbażat fuq prinċipji komuni u interessi maqsuma. L-aġenda tal-kompetittività globali tikkontribwixxi biex jinħolqu tkabbir ekonomiku u impjiegi durabbli internament, jinġieb 'il quddiem il-kummerċ u sabiex jitnebbah l-iżvilupp esternament. L-Ewropa hija fuq quddiem fid-dinja fil-ġlieda kontra l-faqar, fil-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli, fid-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba, kif ukoll fl-għoti ta' assistenza umanitarja. Fl-istess ħin, wieħed jagħraf li d-dimensjoni internazzjonali sabiex ikun affaċċjat it-tibdil klimatiku, l-immaniġġjar tal-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu jew it-titjib tas-sigurtà fil-provvista ta' l-enerġija huma aspetti kruċjali fil-kisba tas-suċċess.

Il-Kummissjoni se tħejji rapport dwar il-progress li sar fil-pajjiżi involuti fin-negozjati ta' l-adeżjoni u fil-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni, u se tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa sabiex taġġusta l-istrateġija tat-tkabbir ta' l-UE. Se tkun meħtieġa attenzjoni partikolari biex tiġi sostnuta l-implimentazzjoni ta' l-istatut tal-Kosovo fil-futur.

Il-*politika Ewropea tal-viċinat* issa hija stabbilita bħala l-bażi ċentrali għat-tisħiħ tal-relazzjonijiet mal-pajjiżi li tkopri, mill-Baltiku sal-Mediterran. Din se tibqa' tkun ta' appoġġ għal riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali f'pajjiżi msieħba, billi toffrilhom rispons diversifikat skond il-bżonnijiet tagħhom fi ħdan qafas komuni ta' politika. Il-Kummissjoni se tħejji analiżi sommarja tal-progress konkret li jkun sar kif ukoll rapport annwali għal kull pajjiż. Hija se timplimenta l-impenji tagħha stess sabiex issaħħaħ l-inċentivi għal pajjiżi msieħba u se tkompli taħdem mill-qrib ma' l-Istati Membri sabiex tiżgura li l-UE tagħmel il-parti tagħha b'mod effettiv fl-implimentazzjoni ta' din il-politika. Fuq il-pedament tal-Partenarjat Ewro-Mediterranju, il-politika Ewropea tal-viċinat tagħti wkoll lill-Unjoni l-għodda sabiex tkompli tiżviluppa d-djalogu reġjonali stabbilit, kif ukoll il-kooperazzjoni mal-pajjiżi kollha tar-reġjun tal-Mediterran.

Il-laqgħa għolja bejn l-UE u l-Afrika ta' Diċembru 2007 għandha twitti t-triq lejn fażi ġdida fir-relazzjonijiet, bi strateġija UE-Afrika sabiex tinkiseb maturità ġdida fir-relazzjonijiet u sabiex il-linji ta' politika politiċi, ekonomiċi u ta' żvilupp ikunu tali li jħallu l-aħjar riżultati. L-istrumenti kollha li hemm se jkunu użati biex l-istrateġija tissarraf f'realtà li tmissha b'idejk: l-għaxar EDF u l-faċilitajiet tiegħu, il-fondi *trust*, kif ukoll strumenti rilevanti fil-baġit tal-Komunità, kontribuzzjonijiet bilaterali mill-UE u mill-istati Afrikani, partijiet terzi interessati u organizzazzjonijiet internazzjonali u investimenti mis-settur privat. Il-Kummissjoni se tgħarbel ukoll kull triq ġdida li tista' ssegwi fil-ħidma tagħha biex timplimenta l-għanijiet tal-millenju tagħha dwar l-iżvilupp. Se tippreżenta pakkett ambizzjuż dwar l-iffinanzjar għall-iżvilupp u għall-effettività ta' l-għajnuna fid-dawl tal-laqgħat internazzjonali fuq l-ogħla livell f'Accra (Settembru 2008) u f'Doha (Diċembru 2008).

## 3. L-IMPLIMENTAZZJONI: BIĊĊA XOGĦOL TA' KULJUM

Azzjonijiet ġodda orjentati lejn il-prijoritajiet politiċi jirrappreżentaw biss aspett wieħed mill-ħidma tal-Kummissjoni. Matul is-sena, il-Kummissjoni tibqa' responsabbli għall-implimentazzjoni u s-superviżjoni ta' linji ta' politika li dwarhom ikun hemm qbil, kif ukoll għall-immaniġġjar ta' programmi finanzjarji u ta' ħidmiet operattivi. Bħala l-għassies ta' l-interess komuni Ewropew, hija għandha responsabbiltà diretta biex tara li l-*acquis* ikun imwettaq kif suppost. Il-Kummissjoni għandha wkoll responsabbiltà li tippromwovi komunikazzjoni effettiva ma' ċittadini Ewropej u biex tfiehem il-valur tal-proġett Ewropew. Hija se tkompli bl-aġenda ta' riforma tagħha biex tipprovdi amministrazzjoni moderna, effiċjenti, responsabbli u trasparenti li tkun kapaċi tibni l-fiduċja fost iċ-ċittadini Ewropej. Bħala riżultat ta' l-inizjattiva dwar it-Trasparenza Ewropea, il-Kummissjoni se tniedi r-Reġistru tar-Rappreżentanti ta' Gruppi ta' Interess fl-2008 u tkompli l-ħidma sabiex ikun hemm trasparenza sħiħa dwar il-benefiċjarji aħħarija ta' fondi ta' l-UE.

### L-implimentazzjoni ta' linji ta' politika li hemm qbil dwarhom

Fl-2008 se jsir xogħol dettaljat li jsegwi l-inizjattivi meħuda mill-Kummissjoni mill-bidu tal-mandat tagħha. Dan jinkludi negozjati sabiex proposti li diġà qegħdin fuq l-aġenda jitmexxew 'l quddiem b'attenzjoni speċjali għal firxa ta' azzjonijiet li bħalissa qed jieħdu l-forma. Se tkun sena kruċjali għat-tmexxija 'l quddiem tal-proposti dwar il-proposti dwar l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima ppreżentati mill-Kummissjoni fil-2007. L-istituzzjonijiet se jfittxu li jiksbu ftehim politiku dwar il-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern u dwar kif l-UE se tilħaq l-għanijiet tagħha fejn jidħlu l-emissjonijiet li jikkawżaw l-effett serra, kif ukoll fejn tidħol l-enerġija li tista' tiġġedded, u dwar kif għandha ssir bidla kwantitattiva fit-teknoloġiji ta' l-enerġija. Bħala tkomplija fuq il-Konferenza ta' Bali dwar it-tibdil fil-klima, se jkun hemm bżonn negozjati internazzjonali intensivi biex jinkiseb ftehim dwar is-sistema li għandu jkun hemm bħala suċċessur għall-Protokoll ta' Kyoto.

L-Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tar-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni u l-Awtorizzazzjoni tal-Kimiċi (REACH) huwa każ ta' prova dwar il-ħila ta' l-Ewropa li ttejjeb is-saħħa u l-ambjent għaċ-ċittadini Ewropej filwaqt li ttejjeb il-kompetittività ta' l-industrija Ewropea.

Ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku huma importanti għall-promozzjoni ta' żvilupp u innovazzjoni sostenibbli u għall-iżgurar li l-Ewropa tibqa' soċjetà kompetittiva u prospera fil-futur. L-implimentazzjoni tal-programmi ta' qafas se tkompli fl-2008 u se jittieħdu inizjattivi sabiex tiġi approfondita ż-Żona ta' Riċerka Ewropea, bħall-promozzjoni tal-mobbiltà tar-riċerkaturi, l-iżvilupp ta' infrastrutturi ġodda u t-tnedija tal-ipprogrammar konġunt Ewropew-nazzjonali dwar ir-riċerka fuq sfidi soċjali mifruxa. Fi ħdan l-istrateġija b'bażi wiesgħa għall-innovazzjoni, l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija, li għandu jersaq dejjem aktar biex jibda jopera fl-2008, għandu jgħin biex jitnaqqas id-distakk bejn l-UE u l-kompetituri ewlenin tagħha fejn tidħol l-innovazzjoni, permezz ta' riċerka u edukazzjoni strateġika.

L-instabbiltà tas-swieq finanzjarji tellgħet fil-wiċċ għadd ta' kwistjonijiet fejn tinħtieġ aktar analiżi sabiex dawk li jfasslu l-linji ta' politika u dawk li jfasslu r-regolamenti jkunu jistgħu jaslu għal konklużjonijiet xierqa li jistgħu jinvolvu suġġerimenti għal tibdil regolatorju. Fost il-kwistjonijiet li l-Kummissjoni se tkun qed taħdem fuqhom fl-2008, flimkien ma' atturi oħra involuti fuq livell ta' l-UE kif ukoll fuq livell internazzjonali, se jkun hemm: it-trasparenza għall-investituri, għas-swieq u għar-regolaturi; standards ta' evalwazzjoni, inklużi assi mhux likwidi; qafas prudenzjali, immaniġġjar tar-riskju u superviżjoni fis-settur finanzjarju; kif ukoll il-funzjonament fis-suq inkluż ir-rwol ta' aġenziji ta' kreditu.

L-2008 se tkun is-sena li fiha se jkunu implimentati l-aħħar riformi tas-suq tas-PAK biex b'hekk tkompli x-xejra li l-agrikoltura Ewropea ssir aktar sostenibbli u kompetittiva. L-implimentazzjoni tal-programmi kollha ġodda ta' l-2007-2013 dwar il-politika ta' koeżjoni (452 programm), fl-iżvilupp rurali (96 programm) u fis-sajd se tibqa' għaddejja b'ħeġġa, sabiex dawn jagħtu kontribut aħjar lit-tkabbir u l-ħolqien ta' aktar impjiegi, u ta' impjiegi aħjar, għaċ-ċittadini Ewropej.

Se tkompli wkoll il-ħidma biex il-kumpaniji jitħallew jagħżlu bażi taxxabbli mifruxa ma' l-UE kif imfisser fl-Istrateġija Annwali ta' Politika ta' l-2008. Tnediet stima ta' l-impatt sabiex jiġu eżaminati l-għażliet u l-implikazzjonijiet tagħhom.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex jitlesta l-Programm ta' l-Aja għal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, u sabiex tinkoraġġixxi l-ħidma dwar proposti li għadhom fuq l-aġenda. Beħsiebha wkoll tmexxi 'l quddiem fażi ġdida fil-ħidma ta' l-UE biex tiġġieled il-kutrabandu u l-konsum ta' drogi illegali.

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Politika Marittima Integrata l-ġdida ta' l-UE, adottata fl-2007 mill-Kummissjoni, se jkun implimentat progressivament, permezz ta' inizjattivi relatati identifikati f'dan il-Programm ta' Ħidma u permezz ta' proċess ġdid ta' monitoraġġ u rappurtar. Il-Kummissjoni se tadotta u tibda timplimenta Pjan ta' Azzjoni ta' sitt snin dwar Strateġija ta' l-UE dwar is-Saħħa ta' l-Annimali. Il-Kummissjoni se tikkjarifika wkoll il-qafas legali li fih l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel tkun tista' tagħmel stima tar-riskju dwar l-organiżmi modifikati ġenetikament.

**Il-kuntest internazzjonali**

L-UE qed tieħu sehem f'sensiela ta' negozjati strateġikament importanti, li se jitkomplew fl-2008. Se jitkomplew *in-negozjati ta' adeżjoni mat-Turkija u mal-Kroazja* fuq il-bażi tal-qafas ta' negozjar li dwaru hemm ftehim. It-tlestija mistennija tan-*netwerk ta' Ftehimiet ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Balkani tal-Punent* se ssaħħaħ ir-rabtiet bilaterali politiċi u ekonomiċi u se żżid il-pass tar-riformi. Se tiġi ppreżentata sensiela oħra ta' *rapporti ta' progress* skond il-*politika Ewropea ta' viċinat.* Il-benefiċċji tal-Politika Ewropea tal-Viċinat għadhom miftuħa għall-Belarus, kemm-il darba dan il-pajjiż jaqbad it-triq tad-demokrazija u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u ta' l-istat tad-dritt.

Il-Kummissjoni se timxi 'l quddiem bl-aġenda tagħha ta' Ewropa Globali, billi tkompli tinsisti li għandu jkun hemm *ftehim dwar il-kummerċ fi ħdan il-WHO* u fl-istess ħin taħdem fuq sensiela ambizzjuża ta' *negozjati bilaterali.* L-2008 se tkun ukoll l-ewwel sena tal-*Ftehimiet ta' Partenarjat Ekonomiku* kif ukoll ta' l-*l-Għaxar Fond ta' Żvilupp Ewropew.* riżorsi ġodda kif ukoll attenzjoni ġdida fuq l-effettività ta' l-għajnuna u l-kumplementarità se jkollhom sehem fundamentali fl-implimentazzjon ta' l-iżvilupp fi ħdan ir-relazzjoni aktar wiesgħa li bħalissa hemm ma' l-imsieħba fl-ACP. Il-ħidma fil-qasam ta' l-*assistenza umanitarja* se tkompli fuq id-Dikjarazzjoni "Lejn Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja"[5].

Il-Kummissjoni se tkompli wkoll bil-ħidma tagħha fejn tidħol it-*tħejjija, it-tnedija, in-negozjar jew il-konklużjoni ta' ftehimiet* ma', fost oħrajn, ir-Russja, l-Ukrajna, il-Moldova, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja, l-Iraq, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, it-Tajlandja, Singapor, il-Vjetman, il-Filippini, il-Malażja, il-Brunej, il-Laos, il-Kambodja, l-ASEAN, il-Kunsill tal-Kooperazzjon tal-Golf, il-Komunità Andeana, l-Amerika Ċentrali u l-Mercosur. Il-Kummissjoni se tieħu l-ewwel passi sabiex tistabbilixxi relazzjonijiet formali mal-Libja.

Il-Kummissjoni se tibqa' attiva fejn jidħlu żviluppi politiċi madwar id-dinja u se tkompli bl-impenn tagħha fl-*isforzi ta' stabilizzazzjoni u ta' rikostruzzjoni* fil-Lvant Nofsani, inkluż permezz tar-rwol tagħha fil-Kwartett, u bħala donatur ewlieni fir-reġjun, kif ukoll fl-Afrika u fl-Ażja ta' Isfel. Il-Kummissjoni se tfittex ukoll li tkompli ssaħħaħ il-partnerarjat transatlantiku, pern kruċjali tar-relazzjonijiet esterni ta' l-Ewropa u li ngħata spinta politika ġdida permezz tal-qafas għall-promozzjoni ta' l-integrazzjoni ekonomika transatlantika adottat fl-aħħar laqgħa għolja bejn l-UE u l-Istati Uniti.

**Tmexxija ta' programmi finanzjarji**

Il-baġit ta' l-UE huwa wieħed mill-istrumenti prinċipali biex jintlaħqu l-għanijiet ta’ politika ta’ l-UE. Huwa jibbenefika mill-kontinwità, peress li ntlaħaq qbil dwar il-prijoritajiet ta' nfiq ta' l-Unjoni fuq bażi multi-annwali. Il-proċess baġitarju ta' kull sena jipproċessa u jirfina l-orjentazzjonijiet riflessi fil-qafas finanzjarju, mingħajr ma jbiddel id-direzzjoni strateġika. Bil-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi finanzjarji li fil-biċċa l-kbira huma f'posthom, l-2008 se tkun sena ta' konsolidazzjoni u implimentazzjoni.

L-awtorità baġitarja dalwaqt mistennija tieħu deċiżjoni dwar il-proposti tal-Kummissjoni għall-baġit ta' l-2008, li għandhom jitilgħu għal € 129 biljun f'impenji u € 122 biljun f'pagamenti. Aktar minn 44% ta' l-approporjazzjonijiet ta' impenn se jkunu mwarrba għal attivitajiet li jkunu ta' appoġġ għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi fl-Ewropa permezz ta'

[5] KUMM(2007) 317.

investimenti f'oqsma bħalma huma r-riċerka, il-kompetittività u l-innovazzjoni, in-netwerks ta' trasport u ta' enerġija, it-tagħlim tul il-ħajja u l-koeżjoni. Barra minn dawn l-impenji, il-Kummissjoni se tkompli tmexxi l-fażi finali tal-programmi u proġetti għall-2000-2006. Fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni waħdu, dan ifisser responsabbiltà għal kważi 380 programm mill-fondi strutturali u 1,200 proġett mill-fondi ta' koeżjoni.

Meta tkun qed timplimenta dawn il-fondi, il-Kummissjoni tara li tagħmel l-aħjar użu minn riżorsi limitati sabiex tikseb riżultati soċjali u ekonomiċi aħjar għaċ-ċittadini Ewropej u tikseb l-aħjar valur għall-flus filwaqt li tiżgura livell għoli ta' eżekuzzjoni tal-baġit. Hija marbuta bi, u impenjata lejn, l-ogħla livelli ta' tmexxija finanzjarja soda. Meta l-baġit ikun implimentat f'ġestjoni bi sħab ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni tipprovdi l-gwida kif ikun meħtieġ. Meta ma tkunx tista' tikseb l-assigurazzjoni meħtieġa, il-Kummissjoni se tikkunsidra tissospendi l-pagamenti lill-Istati Membri rilevanti.

**Il-Ġestjoni ta' l-*acquis* Komunitarju**

Fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni "Ewropa li tikseb ir-riżultati – L-applikazzjoni tal-Liġi Komunitarja"[6], adottata f'Settembru li għadda, l-infurzar aħjar tal-liġi tal-Komunità, inkluż permezz ta' titjib fid-djalogu ma' l-Istati Membri sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha u applikazzjoni effettiva u ekwitabbli, se tibqa' prijorità għall-Kummissjoni fl-2008.

Il-Kummissjoni se tkompli tagħmel sforzi kbar sabiex tara li jkun hemm konformità mal-leġiżlazzjoni ta' l-UE, b'enfażi speċjali fuq it-trasport, l-ambjent, is-sigurtà ta' l-ikel, is-saħħa ta' l-annimali, il-benesseri ta' l-annimali u l-istandards tas-saħħa tal-pjanti. Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-kooperazzjoni ma' l-Istati Membri biex l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi ta' l-UE jiġu ffaċilitati, billi tistabbilixxi mekkaniżmi għal monitoraġġ minn qabel ta' leġiżlazzjoni nazzjonali ġdida, tħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva fin-netwerk SOLVIT u taħdem ma' netwerks informali bħalma hu l-Forum ta' l-Imħallfin. It-tnedija ta' kawżi ta' ksur hija l-espressjoni aħħarija tal-ħidma fundamentali tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati u hija direttament magħquda ma' l-interessi taċ-ċittadini ta' l-UE. Ħafna minn dawn il-każijiet jinbdew wara lmenti u petizzjonijiet ippreżentati minn ċittadini individwali, minn impriżi u minn NGOs.

Bl-infurzar tar-regolamenti Ewropej dwar il-kompetizzjoni f'każijiet individwali, il-Kummissjoni tkun qed tippromwovi swieq li jaħdmu aħjar għall-benefiċċju tal-konsumatur u tal-kompetittività in ġenerali. Il-Kummissjoni se tniedi inkjesta ġdida jew aktar dwar il-kompetizzjoni fid-diversi setturi fi swieq fejn ġew identifikati nuqqasijiet. Skond il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Għajnuna mill-Istati, il-Kummissjoni se toħroġ b'inizjattivi biex tkompli l-mixja lejn regoli sempliċi u aktar effettivi dwar is-sussidji, ankrati fuq analiżi ekonomika soda.

---

6 KUMM(2007) 502.

## 4. IL-ĦIDMA BIEX JITFASSLU LINJI POLITIĊI ĠODDA

Sabiex tkun riflessa aħjar in-natura multi-annwali preżenti tal-biċċa l-kbira ta' l-attivitajiet tal-Kummissjoni, dan il-kapitlu ġdid se jidentifika temi marbuta mal-prijoritajiet li fuqhom se jkunu qed jaħdmu s-servizzi fl-2008, permezz ta' stimi ta' l-impatt dwar dawk azzjonijiet, studji u konsultazzjonijiet ġodda, li jistgħu jwasslu għal inizjattivi speċifiċi fil-futur.

Il-Kummissjoni qed taħdem f'ħafna oqsma differenti marbuta ma' aġenda għall-kompetittività sostenibbli bħala parti mill-isforzi sabiex tmexxi 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli. Dan jinkludi ħarsa lejn kif l-*istandards* jistgħu jintegraw għanijiet ambjentali, l-aċċess sostenibbli għal materja prima barra l-qasam ta' l-enerġija u riċerka dwar metodi kif wieħed jista' jilqa' kontra l-konsegwenzi fuq is-saħħa tat-tibdil fil-klima. Bħala segwitu għall-*Green Paper* dwar il-Kwalità tal-Prodott Agrikolu, il-Kummissjoni se tikkunsidra kif it-titjib tal-kwalità għall-ogħla livell possibbli jista' jissodisfa aktar d-domanda tal-konsumatur u jżid il-valur tal-produzzjoni ta' l-agrikoltura. Il-Kummissjoni se tippreżenta wkoll *green paper* dwar il-koeżjoni territorjali, kunċett li ngħata għarfien mit-Trattat ta' Liżbona.

Fuq talba tal-Kunsill Agrikolu, il-Kummissjoni qed taħdem fuq inizjattiva dwar il-konsum tal-frott fl-iskejjel. Qed titħejja stima ta' l-impatt u, skond x'jirriżulta minn din, issir proposta.

Il-konklużjonijiet ta' l-analiżi tar-realtà soċjali se jwassal għall-modernizzazzjoni tal-linji ta' politika soċjali ta' l-UE, biex isiru jirriflettu l-isfidi tal-globalizzazzjoni u l-ħtieġa li l-bidla tkun antiċipata u ġestita.

It-Trattat ta' Liżbona se jagħti mbuttatura ġdida lill-oqsma tal-libertà, sigurtà u ġustizzja. Iridu jiġu identifikati l-prijoritajiet u l-għanijiet għall-iżvilupp futur tal-politika ta' l-UE, kif ukoll il-mezzi u l-inizjattivi li permezz tagħhom l-aħjar li jistgħu jintlaħqu. Il-Kummissjoni se tippreżenta *Komunikazzjoni dwar l-istrateġija multi-annwali li jmiss sabiex tkun stabbilita żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.*

Bi tkomplija mal-konsultazzjoni dwar il-prijoritajiet għall-futur għall-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liġi tal-Komunità u t-Tmexxija tal-Kumpaniji, u sabiex twieġeb għad-domanda qawwija, il-Kummissjoni se tagħmel studju ta' fattibbiltà dwar Statut Ewropew tal-Fondazzjonijiet. Fl-2008 il-Kummissjoni se tiffoka wkoll fuq xogħol preparatorju dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet ċivili ma' pajjiżi terzi, inkluż mekkaniżmu legali biex ikun użat fil-kuntest ta' ftehimiet bilaterali li l-Istati Membri jkollhom ma' pajjiżi terzi f'setturi speċifiċi kif ukoll tal-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħalma hu l-Kunsill ta' l-Ewropa.

Matul l-2008 se tinbeda l-ħidma fuq reviżjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet (*Merger Regulation*), tar-Regolament Proċedurali 1/2003 kif ukoll ta' diversi Regolamenti ta' Eżenzjoni ta' Kategorija *anti-trust.* Fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat, se jitniedu konsultazzjonijiet għar-reviżjoni tal-linji-gwida dwar l-għajnuna statali biex jiġu salvati u ristrutturati impriżi li għaddejjin minn diffikultajiet kif ukoll tal-Qafas dwar il-bini tal-vapuri.

Il-Kummissjoni qegħda wkoll tfittex modi kif tkabbar kemm jista' jkun il-potenzjal għall-koordinazzjoni dwar ir-rispons fi kriżi, inkluż il-prevenzjoni tal-kriżijiet u l-istat ta' tħejjija. Beħsiebha wkoll tikkjarifika r-regoli dwar il-protezzjoni ta' *data* personali.

Il-Kummissjoni qed taħseb ukoll biex tagħmel reviżjoni sostanzjali tad-Deċiżjoni dwar it-Territorji Extra-Ewropej *(Overseas Association Decision*), fi ħdan il-limiti tat-Trattat tal-KE dwar ir-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u l-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej.

Il-Kummissjoni se tibda' tħejji l-attivitajiet għas-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni fl-2009. F'dan il-kuntest, firxa wiesgħa ta' programmi tal-komunità, b'mod speċjali tat-Tagħlim tul il-Ħajja, Kultura, Żgħażagħ fl-Azzjoni u l-Ewropa għaċ-Ċittadin se jikkontribwixxu sabiex jitqajjem għarfien dwar kif l-edukazzjoni u l-kultura jistgħu jappoġġjaw l-innovazzjoni u l-kreattività.

Fl-aħħarnett il-Kummissjoni se tħejji r-Reviżjoni tal-Baġit 2008-2009 sabiex ittejjeb kemm jista' jkun il-kapaċitajiet ta' l-Ewropa sabiex tkun tista' tilqa' għall-isfidi ewlenin tad-deċenju li ġej.

## 5. Regolamentazzjoni Aħjar: Simplifikazzjoni, Kodifikazzjoni, Rtirar ta' Proposti u Valutazzjoni ta' l-Ispejjeż Amministrattivi

Hija prijorità ewlenija tal-Kummissjoni li ttejjeb l-ambjent regolatorju fl-Ewropa. L-aġenda ambizzjuża tagħha, Regolamentazzjoni Aħjar, bl-għan li toffri inizjattivi ta' kwalità u li timmodernizza u tissimplifika l-korp ta' leġiżlazzjoni li teżisti, hija ankrata fl-istrateġija ta' Liżbona għall-impjiegi u għat-tkabbir. L-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali huma evalwati b'mod integrat u bilanċjat flimkien ma' kejl ta' l-ispejjeż amministrattivi ta' abozzi ta' liġijiet kull fejn spejjeż bħal dawn x'aktarx li jkunu sostanzjali. L-istimi ta' l-impatt isostnu wkoll il-programm ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni[7] billi jidentifikaw il-potenzjal ta' simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li teżisti.

### Reviżjoni strateġika ta' Regolamentazzjoni Aħjar

Fid-dawl tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, kmieni fl-2008, ser ikun hemm reviżjoni strateġika li se tippreżenta l-progress li sar matul l-2007 skond il-linji differenti ta' l-aġenda dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar, fid-dawl ta' l-opinjonijiet espressi mill-istituzzjonijiet oħra ta' l-UE u minn dawk kollha involuti. Ir-reviżjoni sejra b'mod partikolari taġġorna u ssaħħaħ il-Programm ta' Simplifikazzjoni tal-Kummissjoni li għaddej u se sservi ta' rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni biex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi[8] kif ukoll biex jittieħed kont ta' l-arranġamenti ġodda li jirregolaw l-istimi ta' impatt mindu twaqqaf il-Bord ta' l-Istima ta' l-Impatt.

### L-eżami ta' proposti pendenti

Wara li, fl-eżerċizzju ta' din is-sena, sar *screening* ta' proposti li għad hemm pendenti quddiem il-leġiżlatur u li kienu adottati mill-Kummissjoni sa tmiem l-2005, skond l-impenn tagħha lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni inkludiet fil-programm ta' ħidma leġiżlattiva tagħha l-lista ta' 30 proposta pendenti li beħsiebha tirtira, flimkien mal-ġustifikazzjonijiet speċifiċi. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-proposti pendenti fil-proċess leġiżlattiv bil-ħsieb li tirtirahom jew li tieħu kull azzjoni oħra f'konformità mal-prijoritajiet politiċi tagħha u ta' livelli ta' regolamentazzjoni aħjar.

---

7 KUMM(2005) 535 u KUMM(2006) 690.

8 KUMM(2007) 23.

**Simplifikazzjoni**

L-implimentazzjoni tal-Programm ta' Simplifikazzjoni li għaddej miexi tajjeb. Minn 47 inizjattiva ta' simplifikazzjoni maħsuba għall-adozzjoni mill-Kummissjoni fl-2007, 44 - li minnhom 19 ġew adottati diġà u 25 għadhom ippjanati - se jkunu laħqu ġew adottati sa tmiem is-sena (rata ta' suċċess ta' 94%). Fost il-kisbiet l-aktar riċenti, ir-reviżjoni tal-liġi ta' l-assigurazzjoni ta' l-UE (SOLVENCY II) u t-tħassir tad-Direttiva GSM se jkollhom impatt dirett fuq il-kumpaniji u fuq iċ-ċittadini. It-twettiq ta' inizjattivi stabbiliti fil-programm se tkompli fl-2008 u se jkun hemm sforz imġedded biex jissaħħaħ il-programm multi-annwali, inkluż għadd dejjem jiżdied ta' proposti ta' simplifikazzjoni biex jonqos ix-xkiel amministrattiv. Hu ppjanat li l-Kummissjoni tadotta 45 inizjattiva fl-2008. 15 minnhom huma ġodda għal kollox u jkopru diversi oqsma ta' politika bħalma huma l-agrikultura, il-vetturi bil-mutur, is-saħħa pubblika, l-ambjent u l-enerġija.

Il-programm għandu l-għan li jikseb vantaġġi konkreti għall-Ewropej - pereżempju, il-proposti ta' din is-sena se

- jissimplifikaw ir-regoli li hemm bħalissa dwar prodotti elettriċi għar-rimi sabiex isir aktar faċli għal dawk li jimmanifatturawhom, dawk li jbiegħuhom bl-imnut u l-konsumaturi li jissodisfaw l-obbligi ambjentali tagħhom;

- iġibu simplifikazzjoni sinifikanti tal-qafas leġiżlattiv dwar il-bijoċidi u jindirizzaw preokkupazzjonijiet dwar il-kumplessità u l-ispejjeż, kif ukoll id-disponibbiltà ta' ċerti prodotti bijoċidali;

- iħassru madwar 50 Direttiva teknika fis-settur tal-vetturi bil-mutur u minflokhom, fejn ikun xieraq, jiddaħħlu referenzi għar-Regolamenti ta' l-UNECE.

- inaqqsu l-piż amministrattiv fuq l-industrija billi jiġi ssemplifikati r-regoli għal prodotti farmaċewtiċi;

- ittaffu r-rappurtaġġ statistiku ta' operaturi ekonomiċi (Intrastat), b'mod partikolari l-SMEs;

- jikkonsolidaw u jifirxu l-oqsma li fihom l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jkunu jistgħu jagħtu appoġġ mingħajr ma jkun hemm il-bżonn ta' l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni permezz tas-simplifikazzjoni tar-Regolament dwar l-Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija dwar l-Għajnuna mill-Istat.

**It-tnaqqis ta' l-ispejjeż amministrattivi**

Il-Programm ta' Azzjoni mniedi fl-2007 għandu l-għan li jnaqqas il-piżijiet amministrattivi fuq in-negozji fl-UE b'25% sa l-2012. L-aktar li se jibbenefikaw minn dan it-tnaqqis se jkunu l-impriżi żgħar u medji. Sabiex żgur ikun hemm l-involviment mill-qrib ta' dawk interessati, il-Kummissjoni żviluppat websajt fil-lingwi kollha ta' l-UE, fejn in-negozji madwar l-Ewropa jistgħu jissottomettu suġġerimenti sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi[9]. Barra minn din il-konsultazzjoni fuq l-internet, il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' livell għoli dwar il-piżijiet amministrattivi magħmul minn persuni indipendenti li għandhom interess, sabiex jagħti l-pariri tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni, li għandu jwassal għal aktar irfinar.

## 6. EWROPA LI TIKKOMUNIKA

Matul dawn l-aħħar sentejn il-Kummissjoni qawwiet l-isforzi tagħha sabiex twassal l-Ewropa aħjar u sabiex tinvolvi liċ-ċittadini fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Dawn l-isforzi se jitkomplew u jissaħħu fl-2008, b'enfażi fuq it-tisħib[10] ma' istituzzjonijiet oħra u fuq xogħol fuq livell lokali. Għall-ewwel darba, qed jiġu proposti prijoritajiet ta' komunikazzjoni interistituzzjonali. Kif kien deċiż fl-Istrateġija Politika Annwali ta' l-2008, il-prijoritajiet ewlenin ta' komunikazzjoni għall-2008 għandhom jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni, kif ukoll ir-riżultati ta' riċerka minn Eurobarometer u l-esperjenza li dan l-aħħar inkisbet minn proġetti fil-kuntest tal-Pjan D, li jirriflettu l-interessi taċ-ċittadini, flimkien ma' l-esperjenza reċenti miksuba dwar komunikazzjoni effettiva. Parteċipazzjoni akbar mill-eletturi fl-elezzjonijiet ta' l-2009 minn dik li kien hemm fl-2004 huwa wkoll għan importanti li għalih għandhom jikkontribwixxu l-isforzi kollha ta' komunikazzjoni mill-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE.

Riċerka reċenti turi li l-preokkupazzjonijiet ewlenin għaċ-ċittadini ta' l-UE huma d-dimensjoni soċjali ta' l-UE fil-kuntest ta' globalizzazzjoni b'mod partikolari l-impjiegi u l-biża' mill-qgħad, kif ukoll il-migrazzjoni u l-kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà taċ-ċittadin. L-interess fl-enerġija u l-bidla fil-klima qed jiżdied, b'appoġġ mifrux għall-pakkett dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima ppreżentat f'Jannar 2007. Skond il-metodoloġija ta' tfassil ta' politika li jolqot diversi oqsma, u li tippreferi l-Kummissjoni, sfidi bħall-globalizzazzjoni u l-kisba ta' żvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet (ekonomika, soċjali u ambjentali) iridu jkunu integrati fi kwalunkwe prijorità ta' komunikazzjoni. Fl-istess ħin, il-komunikazzjoni trid ikollha natura lokali u l-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex tadatta l-messaġġi tagħha skond l-udjenzi, is-setturi jew il-pajjiżi diversi.

Wara l-konklużjoni b'suċċess tal-Konferenza Intergovernattiva għal Trattat ġdid ta' l-UE, l-isforzi fil-komunikazzjoni se jkollhom l-għan sew li jipprovdu informazzjoni sħiħa u komprensiva, kif ukoll li jżommu djalogu permanenti maċ-ċittadini Ewropej, u se jissaħħu waqt il-proċess tar-ratifika f'kollaborazzjoni sħiħa ma' l-awtoritajiet nazzjonali.

Il-prijoritajiet ta' komunikazzjoni għall-2008 jidhru fl-anness 4.

---

9 http://ec.europa.eu/enterprise/admin-burdens-reduction/

10 Kif suġġerit mill-Kummissjoni fil-Komunika tagħha dwar it-twassil ta' l-Ewropa fit-tisħib, 3 October 2007.

# ANNESS 1 – Lista ta' inizjattivi strateġiċi u ta' prijorità

## INIZJATTIVI STRATEĠIĊI

| Titolu | Tip ta' proposta jew att | Deskrizzjoni ta' l-ambitu u ta' l-għanijiet |
|---|---|---|
| Rapport Annwali dwar il-Progress fl-Istrateġija ta' Liżbona | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Oħrajn | Ir-rapport annwali juri l-progress tagħna miksub sew fil-livell Komunitarju u sew fil-livell ta' l-Istati Membri, filwaqt li jidentifika numru limitat ta' azzjonijiet għad-deċiżjoni. Dan hu d-dokument ewlieni għad-diskussjoni fil-Kunsill tar-Rebbiegħa. F'dan il-kuntest, se tkun enfasizzata l-importanza ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ. |
| White Paper dwar l-Adattament għall-Bidla fil-Klima | Azzjoni mhux leġiżlattiva/White Paper | Dikjarazzjoni ta' politika li tkopri miżuri biex jiżguraw adattament għall-bidla fil-klima f'firxa wiesgħa ta' oqsma fundamentali għall-istil tal-ħajja ta' l-UE (eż. l-industrija, l-agrikoltura, l-enerġija, is-sajd, il-forestrija, it-turiżmu, il-politika soċjali), li jnaqqsu l-vulnerabbiltà tagħhom, iżidu r-reżistenza tagħhom għall-impatti negattivi inevitabbli tal-bidla fil-klima u jantiċipaw u jakkumpanjaw dawn il-bidliet.<br><br>L-għan hu li jiġu evitati effetti sinifikanti fuq saħħet il-bniedem, il-bijodiversità u l-ambjenti naturali, u fuq il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini ta' l-UE. Il-miżuri fil-White Paper se jimplikaw ukoll bidliet fil-politiki eżistenti tal-Komunità. |
| **Pakkett għat-trasport ambjentali:**<br><br>a) Komunikazzjoni sabiex is-settur tat-trasport isir iżjed ambjentali<br><br>b) Komunikazzjoni dwar l-internalizzazzjoni ta' l-ispejjeż esterni tat-trasport | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | a) Din il-Komunikazzjoni se tippreżenta l-konklużjonijiet ewlenin ta' tliet inizjattivi fil-qasam tat-trasport (Internalizzazzjoni ta' l-ispejjeż esterni, Propulsjoni Ambjentali u Programm ta' l-Azzjoni ITS) u tista' tfassal rakkomandazzjonijiet għall-futur.<br><br>b) Din it-tieni Komunikazzjoni se tipprovdi mudell applikabbli b'mod ġenerali, trasparenti u li jinftiehem għall-valutazzjoni ta' l-ispejjeż esterni ta' diversi modi ta' trasport. Hi se tanalizza kif miżuri ta' internalizzazzjoni jistgħu jikkoreġu tip speċifiku ta' falliment tas-suq li hu rilevanti ħafna fil-qasam tat-trasport u li jikkonsisti fil-preżenza ta' esternalitajiet kbar negattivi. Il-Komunikazzjoni se tagħmel lista preliminari ta' l-istrumenti ta' politika disponibbli biex jindirizzaw din il-kwistjoni (ETS, taxxi, imposti eċċ. u l-użu flimkien ta' strumenti ta' politika individwali) u se tanalizza l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali li l-għażliet elenkati x'aktarx li jġibu magħhom. Hi tista' tkun akkompanjata minn proposti leġiżlattivi jew tista' tħabbar li dawn se jiġu ppreżentati aktar tard fl-2008. |
| **Pakkett ta' l-enerġija:** | a) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikaz | a) L-Analiżi se tevalwa l-progress li sar fl-ilħiq ta' l-għanijiet strateġiċi maqbula f'Marzu 2007, fosthom kif qed jifforma s-suq intern, l-azzjoni li żżid is-sehem ta' l-enerġija li tiġġedded fit-taħlita ta' l-enerġija, ix-xejriet fl-emissjoni ta' gassijiet serra mill-enerġija, l-iżviluppi ewlenin fit-teknoloġija ta' l-enerġija u l-kisbiet fil- |

MT



MT

| | | |
|---|---|---|
| a) It-Tieni Komunikazzjoni dwar l-Analiżi Strateġika ta' l-Enerġija<br><br>b) Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-ħażniet taż-żejt (*)<br><br>c) Tfassil mill-ġdid tad-Direttiva 2002/91/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-Prestazzjoni ta' l-Enerġija tal-Bini (*)<br><br><u>d) Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni ta' l-Enerġija</u> | zjoni<br><br>b) Proposta leġiżlattiva/Direttiva<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE l-Art. 99; l-Art. 100 par. 1<br><br>c) Proposta Leġiżlattiva/Direttiva<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat ta' l-UE, l-Art. 175 (1)<br><br>d) Proposta Leġiżlattiva/Direttiva<br><br>Bażi ġuridika:<br><br>It-Trattat ta' l-UE, l-Art. 93 | politika esterna ta' l-enerġija ta' l-UE. Dan jgħin fit-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet għall-iżvilupp ta' politika fil-ġejjieni, u biex jitmexxa iżjed 'il quddiem ix-xogħol fuq politika ta' l-enerġija ta' l-UE għall-Ewropa.<br>B'mod partikulari, hi se teżamina kif is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija ta' l-Unjoni Ewropea tista' tiġi mtejba b'suq intern li jaħdem b'mod sħiħ, b'infrastrutturi u interkonnessjonijiet imtejba u diversifikati, inklużi terminali tal-ħżin u l-LNG, b'ġestjoni aħjar tal-ħażniet, b'mekkaniżmi ta' solidarjetà, b'taħlita ta' l-enerġija aktar diversifikata, permezz ta' żvilupp teknoloġiku li jgħin il-penetrazzjoni fis-suq ta' l-enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-karbonju mill-enerġija (eż: teknoloġiji CCS). Hi se teżamina wkoll id-dimensjoni internazzjonali u kull ftehim bilaterali jew multilaterali rilevanti li jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista ta' l-UE.<br>b) Proposta għal Direttiva ġdida dwar ħażniet taż-żejt biżżejjed għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza fl-UE u li tissostitwixxi leġiżlazzjoni eżistenti li partijiet minnha jmorru lura għas-sittinijiet (waqt li kkodifikati fl-2006 bħala Direttiva 2006/67). L-għan hu l-ħolqien ta' strument ta' politika effettiv li jilqa' kontra l-interruzzjonijiet fil-provvista taż-żejt li jolqtu l-UE, b'mod li jkun jikkorrispondi għaċ-ċirkostanzi attwali.<br>c) Id-Direttiva dwar il-Prestazzjoni ta' l-Enerġija tal-bini tagħmel obbligatorju ċ-ċertifikati għall-prestazzjoni ta' l-enerġija tal-bini u tesiġi kundizzjonijiet minimi (mhux speċifikati) tal-prestazzjoni ta' l-enerġija għal binjiet ġodda u dawk eżistenti li jsirilhom restawr estensiv. Barra minn dan, id-Direttiva titlob spezzjonijiet regolari ta' bojlers u sistemi ta' l-arja kkundizzjonata sabiex tiggarantixxi tħaddim effiċjenti ta' l-enerġija ta' dan l-apparat. Direttiva aġġornata tista' ssaħħaħ u tispeċifika wħud minn dawn il-ħtiġijiet u tista' tinkludi aspetti ta' ffinanzjar fid-Direttiva. Issir valutazzjoni ta' l-Impatt li tispeċifika u tanalizza dawn l-emendi possibbli.<br>d) L-intaxxar ta' l-enerġija joffri l-potenzjal għall-UE li tgħaqqad ir-rwol ta' l-inċentivi fiskali favur konsum ta' l-enerġija b'mod aktar effiċjenti u li jirrispetta l-ambjent, mal-ħila li tiġġenera d-dħul. Bħala segwitu tal-green paper dwar strumenti bbażati fuq is-suq marbuta ma' l-ambjent u għanijiet ta' politika relatati (COM (2007)140), l-għan tar-reviżjoni hu li tagħmel id-Direttiva dwar l-Intaxxar ta' l-Enerġija strument ta' aktar appoġġ u effikaċja għall-għanijiet ta' l-UE dwar l-enerġija u l-bidla fil-klima. |
| Proposti leġiżlattivi li joħorġu mill-Komunikazzjoni dwar *il-Verifika tas-Saħħa* fil-Politika Agrikola Komuni (*) | Proposta leġiżlattiva /Regolament<br><br>Bażi ġuridika: l-Art 37 it-Trattat KE | Wara l-Komunikazzjoni ta' l-2007 dwar il-"Verifika tas-Saħħa" fil-Politika Agrikola Komuni (PAK), il-proposti leġiżlattivi se jipprovdu għażliet li għandhom l-għan li jagħmlu l-Iskema ta' Pagament Uniku aktar effettiva, billi jadattaw l-istrumenti ta' sostenn tas-suq u jindirizzaw l-isfidi l-ġodda ffaċċjati mis-settur. Il-"Verifika tas-Saħħa" mhix riforma fundamentali, iżda essenzjalment timmira li tiżgura li l-PAK tiffunzjona b'mod effikaċi u ssemplifikat kemm jista' jkun. Din l-inizjattiva ġejja mill-klawżoli ta' reviżjoni ta' l-Iskema ta' Pagament Uniku u dwar ċerti swieq agrikoli li ddaħħlu fir-riformi tal-PAK ta' l-2003/04. |
| **Pakkett tal-migrazzjoni:** | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikaz zjoni | a) L-għanijiet ewlenin huma t-tisħiħ tal-proċeduri tal-kontroll tal-fruntieri ta' ċittadini minn pajjiżi terzi biex tittejjeb il-ġestjoni tal-fluss tal-migrazzjoni, il-prevenzjoni ta' l-immigrazzjoni illegali, kif ukoll kull theddida potenzjali għas-sigurtà ta' l-UE u l-iffaċilitar tal-qsim tal-fruntieri (sew mal-wasla u sew mat-tluq mill-UE) minn vjaġġaturi *bona fide* kemm jekk ċittadini ta' l-UE u kemm jekk ċittadini minn pajjiżi terzi, biex b'hekk |

| | | |
|---|---|---|
| a) Komunikazzjoni dwar is-sistema ta' Dħul/ħruġ u strumenti oħra għall-kontroll tal-fruntieri (eż. l-Awtorizzazzjoni Elettronika għall-Ivvjaġġar)<br><br>b) Rapport dwar il-valutazzjoni u l-iżvilupp ta' Frontex fil-futur<br><br>c) Komunikazzjoni dwar is-Sistema ta' Sorveljanza tal-Fruntieri Ewropej | | ir-riżorsi jkunu jistgħu jiġu ffukati aħjar fuq il-kontroll tal-fruntieri.<br>b) Il-ħolqien ta' kontroll verament integrat tal-fruntieri esterni fil-livell Ewropew. It-titjib fil-kooperazzjoni operazzjonali bejn is-Servizzi ta' l-Istati Membri responsabbli għall-kontroll tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni Ewropea u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. It-tnaqqis ta' l-immigrazzjoni illegali mill-fruntieri esterni, it-trażżin tat-traffikar ta' persuni fit-territorju lejn l-Unjoni filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta lid-dimensjoni umanitarja (eż: is-salvataġġ ta' ħajjiet fil-periklu waqt il-qsim illegali tal-fruntieri esterni) ta' dan il-fenomenu. Imsejsa fuq il-valutazzjoni tal-FRONTEX, b'mod partikulari l-valutazzjoni ta' l-iskwadri ta' esperti nazzjonali (RABIT), għandha tiġi evalwata l-vijabbiltà tat-twaqqif ta' sistema Ewropea ta' gwardji tal-fruntieri.<br><br>c) Fil-komunikazzjoni, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tipproponi t-twaqqif ta' Sistema ta' Sorveljanza tal-Fruntieri Ewropej fi tliet fażijiet:<br>1) L-interkonnessjoni u razzjonalizzazzjoni tas-sistemi u mekkaniżmi eżistenti tar-rappurtaġġ u s-sorveljanza fil-livell ta' l-Istati Membri (2008-2009)<br>2) L-Iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod komuni u applikazzjonijiet għas-sorveljanza tal-fruntieri fil-livell ta' l-UE (2008-2013)<br>3) Il-ħolqien ta' ambjent komuni għall-qsim ta' l-informazzjoni dwar is-settur marittimu, li jkopri l-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (2012-2013)<br><br>Dan il-metodu bi tliet fażijiet għall-ħolqien ta' sistema tas-sorveljanza tal-fruntieri Ewropej għandu jżid sostanzjalment is-sigurtà interna fiż-żona Schengen billi jipprevjeni l-immigrazzjoni illegali, it-traffikar tal-persuni, it-terroriżmu eċċ., u jnaqqas ukoll b'mod konsiderevoli n-numru ta' mwiet traġiċi ta' immigranti illegali billi jiġu salvati iżjed ħajjiet fuq il-baħar. |
| **Pakkett ta' l-ażil:**<br><br>a) Programm tal-Politika dwar l-Ażil,<br><br>b) proposta li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil,<br><br>c) proposta li temenda r-Regolament tal-Kunsill 343/2003/KE li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina | a) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni<br>b) Proposta leġiżlattiva/ Direttiva<br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 63 (1)(b)<br>c) Proposta leġiżlattiva/ Direttiva<br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 63 (1)(a)<br><br>d) Proposta leġiżlattiva/ Direttiva | a) L-għan tal-programm ta' politika hu li jfassal "blueprint" possibbli għas-Sistema Komuni Ewropea ta' l-Ażil (ECAS), li tkun tiddependi fil-parti l-kbira mir-riżultati tad-diskussjonijiet dwar il-Green Paper ippubblikata fis-6 ta' Ġunju 2007. Din tkun tinkludi proposti għall-komponenti għat-tul rilevanti tas-CEAS kif deskritti fil-Programm ta' L-Aja, fost oħrajn il-proċedura ta' ażil komuni, status identiku għar-refuġjati u għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja u l-uffiċju Ewropew ta' l-appoġġ għal kull sura ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.<br>b) c) d) e) Il-proposti – ibbażati fuq l-esperjenzi tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tagħha mill-Istati Membri u r-riżultat tal-konsultazzjoni fuq il-Green Paper dwar il-futur tas-Sistema Komuni Ewropea ta' l-Ażil – huma intenzjonati li jemendaw / jiċċaraw ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttivi fis-seħħ attwalment, biex jagħmluhom iżjed effiċjenti u jsolvu ċerti problemi fl-applikazzjoni sabiex ikomplu jarmonizzaw l-istandards rilevanti kif ukoll jassiguraw konformità ma' l-*acquis* dwar l-ażil li qed jevolvi. |

| | | |
|---|---|---|
| applikazzjoni għall-ażil<br>d) modifikazzjoni tad-direttiva dwar il-proċeduri ta' l-ażil;<br>e) modifikazzjoni tad-direttiva dwar ir-rikonoxximent ta' stat ta' refuġjat u dwar it-tqarrib ta' forom ta' protezzjoni sussidjarja | Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 63 (1)(d)<br><br>e) Proposta leġiżlattiva/ Direttiva<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 631(c), 2(a), 3(a) | |
| **Pakkett tas-saħħa:**<br><br>a) Komunikazzjoni u Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar is-Servizzi tas-Sigurtà tal-Pazjenti u tal-Kwalità tas-Saħħa<br><br>b) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa | a) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni<br><br>b) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Rakkomandazzjoni | a) Iż-żewġ għanijiet primarji ta' l-inizjattiva dwar is-Sigurtà tal-Pazjenti u l-Kwalità tas-Servizzi tas-Saħħa huma (i) li jingħata appoġġ lill-Istati Membri sabiex jiżguraw l-ogħla livelli possibbli ta' sigurtà tal-pazjenti fis-sistemi kollha tas-saħħa ta' l-UE billi jiġu pprovduti lill-Istati Membri, kif ukoll lill-partijiet interessati ewlenin, l-għodod u l-mekkaniżmi prattiċi u legali meħtieġa u rilevanti li jippermettulhom jieħdu azzjonijiet xierqa sabiex itejbu s-sigurtà u l-kwalità tal-kura u (ii) li tittejjeb il-fiduċja taċ-ċittadini ta' l-UE li jħossu li jkollhom biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar is-sigurtà ta' sistemi tas-saħħa fl-UE, inkluża l-informazzjoni dwar forndituri tal-kura tas-saħħa f'pajjiżhom stess, u fi Stati Membri oħra.<br><br>b) Ir-rakkomandazzjoni dwar infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa jkunu jipproponu numru ta' miżuri speċifiċi għall-implimentazzjoni mill-Istati Membri sabiex titrażżan l-imxija ta' infezzjonijiet assoċjati mal-Kura tas-Saħħa: miżuri ta' kontroll u ta' prevenzjoni, prevenzjoni ta' infezzjonijiet, programmi ta' kontroll, it-twaqqif jew it-tisħiħ ta' sistemi tas-sorveljanza u t-trawwim ta' l-edukazzjoni, it-taħriġ, ir-riċerka u l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-kontroll. |
| **'Pakkett tat-Tkabbir' 2008**:<br><br>a) Dokument Strateġiku dwar it-Tkabbir<br><br>b) Rapporti ta' Progress | a) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni<br><br>b) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Xi ħaġa oħra | a) Id-"Dokument Strateġiku" jinkludi l-konklużjonijiet ewlenin tar-Rapporti tal-Progress u jinkludi proposti għal rakkomandazzjonijiet ta' politika.<br><br>b) Ir-Rapporti tal-Progress jevalwaw il-progress magħmul mill-Kroazja u t-Turkija u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja lejn l-adeżjoni kif ukoll il-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-proċess ta' l-Istabilizzazzjoni u l-Assoċjazzjoni mill-Albanija, l-Bożnja u Ħerzegovina, il-Montenegro, mis-Serbja u mill-Kosovo (skond l-UNSCR 1244). |
| Politika Ewropea tal-Viċinat: rapporti dwar il-progress tal-pajjiżi | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Oħrajn | Il-Kummissjoni se tkompli ssostni r-riformi politiċi, ekonomiċi, u soċjali fil-pajjiżi tal-Viċinat, billi tipprovdi reazzjoni diversifikata għall-ħtiġiet tagħhom fi ħdan qafas ta' politika komuni, timplimenta l-impenji tagħha |

| | | |
|---|---|---|
| | | stess sabiex issaħħaħ l-inizjattivi għall-pajjiżi msieħba, u taħdem mill-viċin ma' l-Istati Membri sabiex tiżgura riżultat effettiv ta' din il-politika.<br><br>Il-Kummissjoni se tipproduċi analiżi tal-progress fil-prattika kif ukoll it-tieni sett ta' rapporti ta' progress dwar l-Iżrael, il-Ġordan, il-Moldova, il-Marokk, l-Awtorità Palestinjana, it-Tuneżija u l-Ukraina, u għall-ewwel darba l-Armenja, l-Ażerbajġan, l-Eġittu, il-Ġorġja u l-Libanu. |
| Komunikazzjoni 'Miżuri ta' segwitu konkreti għall-Istrateġija Konġunta ta' l-UE-Afrika' | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | Il-Komunikazzjoni se tippreżenta it-tieni evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika. Din se tintegra l-prijoritajiet identifikati fl-ewwel pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Konġunta ta' l-UE-Afrika u tistabbilixxi l-linji gwida meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Komunikazzjoni se tkun ibbażata fuq kwestjonarju li jiġi ċċirkulat ma' l-Istati Membri fil-bidu ta' l-2008 sabiex jinħoloq dokument ta' monitoraġġ ta' l-UE. Se jiġu żgurati sinerġiji adegwati mal-Komunikazzjoni Monterrey. |
| **Pakkett ta' Regolamentazzjoni Aħjar:**<br><br>a) Analiżi Strateġika<br><br>b) It-Tieni Rapport ta' Progress dwar is-semplifikazzjoni<br><br>c) Rapport ta' Progress dwar il-Piż Amministrattiv | a) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni<br><br>b) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni<br><br>c) b) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Xi ħaġa oħra | a) Il-Komunikazzjoni tippreżenta kif tkun sejra l-aġenda tar-regolazzjoni aħjar tal-Kummissjoni (inklużi l-ewwel esperjenzi tal-Bord tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt) u tħabbar inizjattivi ġodda fi ħdan dik l-Aġenda.<br><br>b) Din l-inizjattiva tinkludi ħarsa ġenerali lejn il-qagħda tal-programm kontinwu ta' semplifikazzjoni kif ukoll proposti ġodda għas-semplifikazzjoni. Fil-livell inter-istituzzjonali, il-progress ta' l-adozzjoni ta' proposti għas-semplifikazzjoni se jiġu analizzati wkoll. Hi tippreżenta wkoll il-qagħda tal-programm indikattiv tal-kodifikazzjoni 2006-2008.<br><br>c) F'Jannar 2007, il-Kummissjoni ppreżentat Programm ta' Azzjoni ambizzjuż għat-tnaqqis b'25% tal-piżijiet amministrattivi imposti bil-liġi fl-UE. Dan it-tnaqqis għandu jintlaħaq mill-UE u l-Istati Membri flimkien sa l-2012. Il-Programm ta' Azzjoni jistabbilixxi kif jiġu identifikati, ivvalutati u mnaqqsa l-obbligi ta' l-informazzjoni imposti fuq in-negozji. Hu jipprovdi lista ta' madwar 40 leġiżlazzjoni u 13-il qasam ta' prijorità maħsuba li jlaħħqu 80% ta' l-ispejjeż amministrattivi tan-negozji. Għal riżultati konkreti fi żmien qasir, il-Programm jidentifika wkoll l-ewwel serje ta' 'azzjonijiet prijoritarji'. Dawn l-azzjonijiet huma maħsuba biex jiġġeneraw benefiċċji sinifikanti permezz ta' bidliet relattivament żgħar fil-leġiżlazzjoni fundamentali. |

(26 inizjattiva miġbura fi 12-il pakkett)

(*) Inizjattivi li jikkontribwixxu wkoll għall-programm ta' semplifikazzjoni ara l-Anness 2

## INIZJATTIVI PRIJORITARJI

| Titolu | Tip ta' proposta jew att | Deskrizzjoni ta' l-ambitu u l-għanijiet |
|---|---|---|
| Reviżjoni tal-Baġit | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | L-għan hu li jiġu eżaminati liema riformi huma meħtieġa għall-ottimizzazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' l-Ewropa fl-indirizzar ta' l-isfidi prinċipali fl-għaxar snin li ġejjin, abbażi tal-prinċipji tal-valur miżjud fil-ksib ta' l-interess komuni u l-effikaċja ta' l-infieq. Din l-analiżi, għaldaqstant, hija potenzjalment kontribuzzjoni importanti għall-proposti li jiġu preżentati mill-Kummissjoni li jmiss għal qafas finanzjarju multiannwali ġdid, li jkopri l-perjodu mill-2014 'il quddiem. |
| Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-EMU@10 - | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | Fir-Rebbiegħa ta' l-2008, jagħlqu għaxar snin id-deċiżjonijiet meħuda dwar it-tranżizzjoni għat-3 stadju ta' l-EMU fuq l-ewwel parteċipanti tagħha. Wara 10 snin, wasal iż-żmien li ssir analiżi strateġika fid-dettall fuq it-tħaddim ta' l-EMU sa issa bil-ħsieb li l-esperjenza miksuba tintuża għat-tħaddim tagħha fil-futur.<br><br>Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għandha tqis is-sejbiet ewlenin minn din l-analiżi u tippreżenta r-rakkomandazzjonijiet ewlenin għall-ġejjieni, ibbażati fuq l-analiżi fid-dettall ta' l-EMU. |
| Green Paper dwar il-koeżjoni territorjali Ewropea | Mhux leġiżlattiva /Green paper | L-għanijiet ta' din l-azzjoni huma:<br>• li jiġi analizzat minn perspettiva istituzzjonali, politika u operazzjonali il-mod li bih l-Istati Membri jifhmu u japplikaw il-kunċett ta' koeżjoni territorjali. Dan ix-xogħol se jkun ibbażat l-iżjed fuq kwestjonarji u analiżi ta' programmi operazzjonali.<br>• li tiġi pprovduta definizzjoni komuni tal-kunċett u li jiġu proposti għodod potenzjali għal integrazzjoni aħjar ta' din id-dimensjoni territorjali fil-Fondi strutturali u f'xi politiki settorjali b'impatt territorjali.<br>• li jinbeda djalogu dettaljat bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. |
| Emenda fid-Direttivi dwar il-Ħtieġa Kapitali 2006/48/KE u 2006/49/KE | Proposta Leġiżlattiva/Direttiva<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 47(2) | Reviżjoni ta' numru ta' sezzjonijiet importanti tad-Direttiva dwar il-Ħtiġijiet Kapitali (CRD) sabiex jiġu aġġornati u mnaqqsa l-piżijiet regolatorji għall-Istati Membri u l-industrija bankarja:<br>• Qafas imtejjeb għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn is-superviżuri (b'mod partikulari, sitwazzjonijiet ta' emerġenza). Aċċess lis-superviżuri tal-post għall-informazzjoni settorjali.<br>• Reviżjoni tal-ħtiġijiet ta' espożizzjoni kbira; |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Trattament prudenti ta' strumenti mħallta ta' kapital eliġibbli bħala kapital tas-saff 1;<br><br>• Estensjoni ta' l-eżenzjonijiet għall-banek kooperattivi;<br><br>• Iċċarar u aġġustamenti tekniċi tas-CRD (inkluż trattament tar-riskji prestabbiliti fil-ktieb tal-kummerċ) |
| Regolament dwar l-Istatut tal-Kumpanija Privata Ewropea | Proposta Leġiżlattiva/Regolament<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE l-Art. 308 | L-għan tal-Kumpanija Privata Ewropea huwa li żżid il-mobilità u l-kompetittività ta' l-SMEs Ewropej. Regoli komuni għall-SMEs fl-Istati Membri jiffaċilitawlhom in-negozju transkonfinali billi titħaffef il-formazzjoni ta' negozji ġodda fi Stati Membri oħra u/jew ir-ristrutturar tan-negozji eżistenti fi strutturi aktar sempliċi. Ħidmiet fi Stati Membri differenti bl-istess regoli tal-kumpaniji jista' jnaqqas l-ispejjeż tal-konformità, u jagħmel aktar sempliċi u orħos it-twaqqif u t-tħaddim tal-kumpaniji fl-UE. |
| Komunikazzjoni "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa (SBA)" | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | L-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa se jkun fih taħlita ta' prinċipji ġenerali (per eżempju, trattament speċifiku għall-SMEs fil-leġiżlazzjoni skond il-prinċipju ta' 'L-ewwel Aħseb Żgħir', tnaqqis ta' l-ostakli sabiex taqsam il-fruntieri, aċċess imtejjeb għal programmi ta' l-UE u żieda fl-aċċess ta' l-SMEs għall-innovazzjoni u t-tkabbir), azzjonijiet legali (per eżempju proposta għal Statut tal-Kumpanija Ewropea) u azzjonijiet konkreti li jittieħdu sew mill-Istati Membri u sew mill-Kummissjoni (per eżempju t-titjib ta' l-aċċess ta' l-SMEs għall-kuntratti ta' l-akkwist pubbliku). |
| Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar ir-rati tal-VAT imnaqqsa | Proposta Leġiżlattiva/Direttiva<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE l-Art. 93 | Skond ir-riżultati ta' studju indipendenti minn grupp ta' ħassieba dwar l-impatt ta' rati mnaqqsa b'mod partikulari f'termini ta' ħolqien ta' l-impjieg, tkabbir ekonomiku u tħaddim xieraq tas-suq intern, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar rati oħra tal-VAT minbarra r-rata standard (COM(2007)380) bit-tir li tniedi dibattitu fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u ma' partijiet oħra interessati. L-opinjonijiet rilevanti kollha miġbura fuq din il-kwistjoni ferm sensittiva se jservu biex tinbeda proposta sostenibbli u bbilanċjata sew fiż-żmien medju dwar rati tal-VAT imnaqqsa. |
| **Pakkett tal-Farmaċewtiċi:**<br><br>a) Komunikazzjoni dwar il-futur tas-suq intern fil-farmaċewtiċi għall-użu mill-bniedem) Id-Direttiva dwar il-Farmaċewtiċi- Informazzjoni lill-Pazjenti<br><br>c) Tisħiħ u razzjonalizzazzjoni tal-Farmakoviġilanza fl-UE | a) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni<br>b) Proposta Leġiżlattiva/Direttiva<br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE l-Art. 95<br>c) Proposti leġiżlattivi/Direttiva u Regolament<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat | a) L-għanijiet ta' din il-Komunikazzjoni huma li jipprovdu opportunità biex jiġu analizzati, fil-qosor, il-kisbiet li saru mill-2004, li jingħarfu l-isfidi li ġejjin 'il quddiem u li jiġu speċifikati r-riżultati konkreti għall-Kummissjoni u l-Istati Membri tul il-ftit snin li ġejjin.<br><br>b) L-għan ta' din id-direttiva hu li tistabbilixxi regoli armonizzati wara li tqis l-iżviluppi fis-soċjetà (pazjenti abilitati jfittxu iżjed informazzjoni) u fit-teknoloġija (iżjed użu ta' l-internet).<br><br>c) L-għanijiet ta' dawn l-inizjattivi huma li jirazzjonalizzaw u jsaħħu l-ħarsien tas-saħħa pubblika, li jtejbu t-tħaddim tas-Suq Intern u s-sigurtà tal-farmaċewtiċi li jiċċirkolaw fl-UE. |

| | | |
|---|---|---|
| | KE l-Art. 95 | |
| Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inklużjoni Attiva | Azzjoni mhux leġiżlattiva/<br><br>Rakkomandazzjoni | Fil-bidu ta' l-2008, l-attenzjoni politika fi ħdan l-UE se tkun xprunata mill-lezzjonijiet misluta mill-Kummissjoni mill-eżerċizzju ta' l-Analiżi tar-Realtà Soċjali. Din l-inizjattiva tikkostitwixxi l-istadju finali ta' proċess mibdi fl-2006 b'konsultazzjoni bbażata fuq l-Art. 138 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies l-iżjed imbiegħda mis-suq tax-xogħol, li ssejset fuq tliet pilastri, li huma, (a) rabta mas-suq tax-xogħol permezz ta' opportunitajiet ta' xogħol jew taħriġ vokazzjonali, (b) appoġġ għad-dħul f'livell li jkun biżżejjed għal ħajja dinjituża, u (c)aċċess aħjar għal servizzi ta' kwalità. Fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, din l-inizjattiva tikkumplimenta l-modalità ta' sigurtà flessibbli billi titwassal lin-nies l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. |
| Proposta għal Regolament dwar il-Qafas Legali Dedikat għat-Twaqqif u t-Tħaddim ta' Infrastrutturi tar-Riċerka Pan-Ewropej | Proposta Leġiżlattiva /Regolament<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 171 | L-iskop tal-leġiżlazzjoni għandu jkun li jiffaċilita l-formazzjoni ta' konsorzji Ewropej għat-tħaddim u t-twaqqif ta' faċilitajiet tar-riċerka ta' interess Pan-Ewropew u li huma meħtieġa għat-twettiq effiċjenti ta' programmi tar-riċerka tal-Komunità. Ir-regolament tal-KE, waqt li jikkomplimenta skemi nazzjonali jew inter-govermentali, jipprovdi qafas legali komuni u faċli biex jintuża, u jħalli ħafna flessibilità lill-konsorzji individwali biex jistabbilixxu r-regoli addattati għall-infrastruttura speċifika fil-livell Ewropew. Ir-regolament qafas hu msejjes fuq l-Artikolu 171 KE: hu se jistabbilixxi l-karatteristiċi ewlenin ta' l-infrastrutturi tar-riċerka Pan-Ewropej, kif ukoll ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw it-twaqqif tagħhom, li jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni effiċjenti ta' programmi tal-Komunità.<br><br>Ir-regolament qafas ikun jippermetti li l-kwistjonijiet attwali relatati mar-riċerka tal-Komunità bħar-responsabbiltà, it-tassazzjoni u l-kwistjonijiet relatati ma' l-impjiegi, jiġu ttrattati, u jenfasizza wkoll ir-rwol ta' katalista mwettaq mill-Kummissjoni Ewropea fit-twaqqif ta' entitajiet legali ġodda f'livell Ewropew. |
| Komunikazzjoni "Lejn il-programmazzjoni konġunta tar-riċerka" | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | L-għan ikun iż-żieda fil-valur ta' investimenti nazzjonali magħżul bir-reqqa fir-riċerka permezz ta' programmazzjoni konġunta biex dawn il-programmi konġunti jilħqu l-massa kritika, id-daqs u l-firxa meħtieġa biex ikollhom impatt f'livell dinji. |
| **Inizjattivi taż-żona euro:**<br><br>a) Rapport ta' Konverġenza – 2008<br><br>b) (Proposta(i)) possibbli għal Deċiżjoni(jiet) tal-Kunsill taħt l-Art. 122(2) dwar id-dħul fiż-żona euro ta' Stat Membru wieħed jew aktar | a) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni<br><br>b) Proposta Leġiżlattiva /Deċiżjoni<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 122 (2) | a) Ta' l-inqas kull sentejn, jew fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni u l-ECB jippreparaw separatament rapport ta' konverġenza skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 122 (2). Ir-rapporti jeżaminaw kemm laħqu livell għoli ta' konverġenza sostenibbli l-Istati Membri bid-deroga. Il-kompatibilità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom mal-liġi Komunitarja tifforma parti wkoll minn din il-valutazzjoni. Ir-rapport regolari ta' sentejn mistenni joħroġ fl-2008 (l-aħħar wieħed ġie pubblikat f'Diċembru ta' l-2006). Valutazzjoni ta' konverġenza pożittiva dwar Stat Membru wieħed jew aktar jista' jwassal għal tkabbir fiż-żona euro.<br><br>b) Jekk Stat Membru wieħed jew aktar jitqiesu li jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' l-euro, id-deroga tagħhom tiġi rrevokata mill-Kunsill. |

| | | |
|---|---|---|
| c) Proposti possibbli għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) nru 2866/98 dwar ir-rati tal-konverżjoni bejn l-euro u l-muniti ta' l-Istati Membri li se jadottaw l-euro | c) Proposta Leġiżlattiva/Regolament<br><br>Bażi ġuridika: l-Art. 123.5 it-Trattat KE | c) Jekk Stat Membru wieħed jew aktar jitqiesu li jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' l-euro, il-Kunsill jiddeċiedi dwar ir-rati ta' konverżjoni ta' membri ġodda fiż-żona ta' l-euro skond l-Art. 123(5). Leġiżlazzjoni sekondarja dwar it-tkabbir taż-żona ta' l-euro tkun tirrelata ma' l-adozzjoni ta' l-euro. |
| Komunikazzjoni li tniedi l-programm GMES (Sorveljanza Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà) u l-qafas għall-kontroll u l-finanzjament tiegħu fit-tul | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | Il-Komunikazzjoni se ssawwar is-sostenibbiltà fit-tul tal-GMES u tkopri: il-qafas programmatiku biex isegwi l-azzjoni preparatorja, il-koordinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-infrastrutturi ta' l-osservazzjoni mill-ispazju u minn fuq il-post biex tkun garantita l-provvista tad-data u l-iskema tar-regolazzjoni fit-tul GMES. Din tista' tkun akkumpanjata jew segwita minn proposti leġiżlattivi għat-twettiq. |
| **Pakkett tas-sostenibbiltà**:<br><br>a) Komunikazzjoni u Pjan ta'Azzjoni dwar Politika Industrijali Sostenibbli (SIP)<br><br>b) Pjan ta' Azzjoni dwar Produzzjoni u Konsum Sostenibbli (SPC) | a) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni<br><br>b) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | L-inizjattiva SIP/SCP tikkonsisti fi strateġija integrata biex tgħin l-ekonomija ta' l-UE ssir aktar ambjentalment sostenibbli u kompetittiva. L-istrateġija tkopri l-innovazzjoni, is-suq intern u d-dimensjoni esterna, inklużi x-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum. Din l-inizjattiva se tistipula l-modalità, tfassal pjani ta' azzjoni għat-twettiq u tista' tinkludi proposti leġiżlattivi. Element ewlieni ta' l-inizjattiva se jkun it-tnedija ta' politika ġdida dwar il-prodotti li tistabbilixxi rekwiżiti dinamiċi għas-sostenibbiltà, permezz ta' estensjoni tad-Direttiva dwar il-prodotti li jużaw l-Enerġija, flimkien ma' l-"istandards tal-prestazzjoni" volontarji. Dawn se jkunu msaħħa internazzjonalment permezz ta' ftehimiet settorjali internazzjonali. Se jkun hemm ukoll miżuri importanti biex jistimulaw l-innovazzjoni (eż. Skema Ewropea għall-Verifikazzjoni tat-Teknoloġija Ambjentali), biex jistimulaw konsum aktar intelliġenti (inkluż permezz tar-reviżjoni ta' l-Ekotikketta) u miżuri li jgħinu l-Industrija tagħmel il-proċessi tal-produzzjoni aktar sostenibbli (inkluż permezz tar-reviżjoni ta' l-iskema EMAS u permezz tal-Programm għall-konformità ambjentali mill-SMEs) u inizjattivi lejn akkwisti pubbliċi u privati aktar sostenibbli. |
| Ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 li jippermetti l-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fl-Iskema Komunitarja għall-immaniġġjar ta' l-ambjent u verifika (EMAS) (*) | Proposta Leġiżlattiva /Regolament<br><br>Bażi ġuridika: l-Art. 175 tat-Trattat KE | Ir-reviżjoni timmira li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali ta' l-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw u li żżid il-parteċipazzjoni tas-settur industrijali kif ukoll ta' dak pubbliku. Il-konformità legali u t-titjib fil-prestazzjoni ambjentali mill-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw se jkunu ffaċilitati billi jingħata aċċess għall-pariri dwar l-obbligi legali ambjentali u gwida dwar l-aħjar prattika ta' ġestjoni ambjentali. Fost benefiċċji oħra għall-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw, il-piż amministrattiv se jitnaqqas għall-korporazzjonijiet il-kbar billi titħalla li ssir reġistrazzjoni korporattiva u l-organizzazzjonijiet iż-żgħar jitħallew jagħmlu reġistrazzjonijiet multipli. Is-sinerġiji ma' sistemi tal-ġestjoni ambjentali oħra se jkunu ffaċilitati. L-inċentivi u tħaffif tal-piż regolatorju lill-organizzazzjonijiet parteċipanti mill-Istati membri se jkunu mħeġġa. |
| Ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 | Proposta | Ir-reviżjoni timmira li ttejjeb l-effikaċja u l-impatt fis-suq billi żżid il-firxa ta' gruppi ta' prodotti eliġibbli u |

| | | |
|---|---|---|
| tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta ta' l-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja (*) | Leġiżlattiva/Regolament<br><br>Bażi ġuridika: l-Art. 175.1 tat-Trattat KE | l-għadd ta' prodotti u servizzi bl-ekotikketta attwalment offruti lill-konsumatur. Il-proċedura ta' l-iżvilupp u l-adottar tal-kriterji ta' l-ekotikketta se tiġi mibdula b'mod estensiv u ssemplifikata. Il-partijiet ekonomiċi interessati se jkunu involuti aktar fil-proċess, biex b'hekk jiżdied is-sens ta' sjieda u l-aspett awto-regolatorju ta' l-iskema, filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-Istati Membri. Is-sinerġiji ma' l-ekotikketti eżistenti f'livelli nazzjonali se jkunu ffaċilitati u se jiġu ffissati limiti fuq l-ispejjeż u l-ħlasijiet imposti mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri fuq l-applikanti. Barra minn dan, il-kriterji għandhom ikunu definiti b'mod li jkunu jistgħu jintużaw faċilment għal skopijiet ta' l-akkwisti pubbliċi li jħarsu l-ambjent. |
| **Pakkett tal-bijodiversità**<br><br>a) Rapport ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijodiversità<br><br>b) Komunikazzjoni dwar għażliet ta' politika għat-trattament ta' speċi barranin invażivi | a) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Xi ħaġa oħra<br><br>b) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | a) Il-Pjan ta' l-Azzjoni dwar il-Bijodiversità jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tiegħu fl-2008, filwaqt li tqis ir-rapporti ta' l-Istati Membri u data oħra. L-għan hu li tingħata ħarsa ġenerali tar-rata kurrenti tal-progress tal-Pjan ta' Azzjoni, u tinġibed l-attenzjoni dwar l-oqsma ta' tħassib fid-dawl ta' l-impenn ta' l-2010.<br><br>b) Din il-Komunikazzjoni timmira li tippreżenta l-possibbiltajiet varji disponibbli biex titnaqqas it-theddida għall-wirt naturali ta' l-UE ppreżentata mill-wasla fl-UE ta' speċi mhux indiġeni. Fuq il-bażi ta' dan l-istudju li għaddej bħalissa, iżjed azzjonijiet kontra speċi invażivi se jiġu proposti fl-2009-10. L-għan hu l-prevenzjoni u l-kontroll tad-dħul ta' speċi barranin, biex b'hekk tiġi protetta l-bijodiversità Ewropea. |
| Green Paper dwar politika tal-kwalità għall-prodott agrikolu | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Green Paper | Il-Green Paper se tesplora l-ideat u l-għażliet għall-bdiewa u l-produtturi li jridu jorjentaw il-produzzjoni tagħhom lejn il-kwalità u b'hekk jissodisfaw aħjar id-domanda tal-konsumaturi u jżidu l-valur tal-produzzjoni tagħhom. Id-dokument se jitlob kontribuzzjonijiet, fehmiet u proposti għall-iżvilupp ta' miżuri u qafas legali xieraq li jiffaċilitaw bidla lejn produzzjoni u tiswiq (marketing) ta' kwalità. Hija se tibni fuq ir-riżultati tal-Konferenza dwar iċ-Ċertifikazzjoni tal-Kwalità ta' l-Ikel (5-6.2.2007, Brussell) u se twieġeb għas-sejħiet biex l-agrikoltura ta' l-UE ssegwi rotta ta' aktar orjentazzjoni tas-suq. Il-Green Paper se tfittex ukoll il-fehmiet tal-partijiet interessati dwar l-iżvilupp ta' skemi ta' kwalità tal-KE eżistenti għall-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ispeċjalitajiet tradizzjonali. |
| Regolament tal-Kunsill – Reviżjoni ta' l-Iskema għall-Żoni Inqas Vantaġġati<br><br>(delimitazzjoni ta' żoni deżinjati) | Proposta Leġiżlattiva/Regolament<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art.37 | L-appoġġ għal Żoni Inqas Vantaġġati (LFAs) jingħata bl-għan li jikkontribwixxi permezz tat-tkomplija ta' l-użu ta' l-art agrikola għall-preservazzjoni tal-kampanja, kif ukoll għaż-żamma u l-promozzjoni ta' sistemi ta' biedja sostenibbli. Hija parti vitali mill-Politika ta' l-Iżvilupp Rurali. L-inizjattiva se tirriżulta f'sistema ta' delimitazzjoni mtejba għall-żoni bi żvantaġġi, biex b'hekk taġġusta l-miżura għal bdil fiċ-ċirkostanzi. |
| Komunikazzjoni dwar l-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-Akwakultura fil-Komunità. | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | Il-Komunikazzjoni tkun tibni fuq l-istrateġija ta' l-2002 (COM(2002)511 finali), u tinnota li l-għanijiet tat-tkabbir tagħha ma ġewx milħuqa bis-sħiħ kif kien previst, filwaqt li l-għanijiet ta' l-ambjent u s-saħħa ġew ġeneralment indirizzati aħjar. L-għan għaldaqstant ikun li jiġu identifikati l-limitazzjonijiet u l-isfidi ewlenin li qed jostakolaw it-tkabbir sostenibbli u li jiġi vvalutat ir-rwoli imwettaq mill-partijiet kollha, b'mod partikulari l-awtoritajiet pubbliċi fil-kontribuzzjoni tagħhom biex iwaqqfu l-aktar ambjent ta' negozju u |

| | | |
|---|---|---|
| | | legali trasparenti u prevedibbli li hu meħtieġ biex l-intraprendituri jinvestu u jiżviluppaw. (Din l-inizjattiva hija parti mill-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Politika Marittima Integrata) |
| Modernizzazzjoni u tfassil mill-ġdid tas-sistema tal-kontroll CFP taħt ir-Regolament (KE) Nru 2847/93 (*) | Proposta Leġiżlattiva/Regolament<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 37 | L-għanijiet ewlenin huma t-tisħiħ, l-armonizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tar-regoli eżistenti fil-qasam tal-kontroll tas-sajd. Il-modernizzazzjoni tal-proċeduri se tiffaċilita l-infurzar aħjar u ttaffi l-piż u l-limitazzjonijiet għas-settur u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi billi żżid l-użu ta' għodod ta' l-informatika sabiex jitnaqqsu l-obbligi tar-rappurtar. Dan huwa pass essenzjali biex tinkiseb lura s-sostenibbiltà tas-sajd. Inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. (COM(2007)23). |
| **Pakkett tat-Trasport Marittimu:**<br><br>a) Komunikazzjoni dwar il-Politika futura tat-Trasport Marittimu fl-UE akkumpanjata minn proposti leġiżlattivi:<br><br>b) Reviżjoni tar-Regolament 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà<br><br>c) Proposta leġiżlattiva dwar l-Ispazju Marittimu mingħajr Ostakli | a) Proposta mhux Leġiżlattiva/<br><br>Komunikazzjoni<br><br>b) Proposta Leġiżlattiva/Regolament<br><br>Bażi ġuridika:<br><br>c) Proposta Leġiżlattiva/Regolament<br><br>Bażi ġuridika: l-Art 71, 75 tat-Trattat KE | a) Din il-Komunikazzjoni se tqis l-iżviluppi li seħħew mill-istrateġija tat-trasport marittimu ta' l-1996. Se tindirizza kwistjonijiet imqajma marbuta mar-rwol u l-kontribuzzjoni tat-trasport marittimu għas-sistema ekonomika Ewropea b'mod ġenerali. Se jiġu eżaminati l-implikazzjonijiet kollha li rriżultaw mill-intensifikazzjoni tal-proċess tal-globalizzazzjoni, it-tkabbir fil-kummerċ, il-limitazzjonijiet tal-bidla fl-enerġija u l-klima, il-fatturi tas-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli, il-fattur uman, il-kompetittività u x-xejriet loġistiċi emerġenti. (Din l-inizjattiva hija parti mill-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Politika Marittima Integrata)<br><br>b) Il-leġiżlazzjoni marittima ta' l-UE evolviet b'mod konsiderevoli minn meta inħolqot l-EMSA kif jixhdu t-tliet modifiki diġà adottati fir-regolament li waqqafha. It-tielet pakkett tas-sigurtà marittima propost mill-Kummissjoni fl-2005 se jkompli jtejjeb il-ħidmiet ta' l-EMSA. Dawn l-estensjonijiet li ġejjin qed jiġu kkunsidrati: it-teħid tal-kontroll ta' ċerti attivitajiet tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi fil-qasam tal-Kontrolli Statali tal-Portijiet; ħidmiet ġodda fil-qasam tas-sigurtà, ir-riċerka u l-politika marittima ġenerali. Se tiġi eżaminata wkoll il-kooperazzjoni ma' terzi pajjiżi u kwistjonijiet ta' regolazzjoni.<br><br>c) Biex jiġi stabbilit Suq Intern effettiv tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra, il-proċeduri amministrattivi dwar it-trasport marittimu fuq distanzi qosra jeħtieġ li jiġu ssemplifikati. Dan se jirriżulta f'inqas konġestjoni, impatti negattivi fuq l-ambjent u konsum ta' l-enerġija, kif ukoll f'titjib tas-sigurtà. L-implimentazzjoni effettiva tal-kunċetti ta' Suq Wieħed fl-ibħra kostali madwar l-UE teħtieġ bidla fil-qafas regolatorju u amministrattiv eżistenti. (Din l-inizjattiva hija parti mill-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Politika Marittima Integrata) |
| **Pakkett tat-Trasport bl-Ajru**:<br><br>a) Komunikazzjoni "Żvilupp tas-sema waħdieni Ewropew"<br><br>b) Proposta biex jiġu emendati r-Regolamenti tas-"Sema Waħdieni | a) Azzjoni mhux Leġiżlattiva/Komunikazzjoni<br><br>b) Proposta Leġiżlattiva | a) Din il-Komunikazzjoni se tippreżenta t-tliet inizjattivi marbuta ma' iżjed żvilupp tas-Sema Waħdieni Ewropew.<br><br>b) Il-proposta leġiżlattiva għandha:<br><br>- Itejjeb il-prestazzjoni tal-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru<br><br>- Tiżgura li l-infrastruttura ATM tlaħħaq mal-ħtiġijiet tat-tkabbir fit-traffiku mistenni |

| | | |
|---|---|---|
| Ewropew"<br><br>c) Estensjoni tal-kompetenza ta' l-Aġenzija ta' l-Avjazzjoni Ewropea tas-Sigurtà għall-ajruporti u ATM/ANS.<br><br>d) Tnedija tal-Fażi ta' l-Iżvilupp SESAR (2008-2013) | /Regolament<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 80<br><br>c) Proposta Leġiżlattiva / Regolament<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 80<br><br>d) Oħrajn | - Tippromwovi t-teknoloġiji ġodda f'konformità ma' l-għanijiet ta' Liżbona<br><br>- Twassal biex il-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru tikkontribwixxi lejn miri sostenibbli<br><br>c) Proposta Leġiżlattiva li temenda r-Regolament 1592/2002 billi testendi r-regoli komuni tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili għas-Servizzi tan-Navigazzjoni fl-Ajru, il-Ġestjoni ta' Traffiku ta' l-Ajru u l-ajruporti sabiex tittejjeb is-sigurtà u l-interoperabbiltà<br><br>d) Rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress tal-fażi ta' l-iżvilupp SESAR inklużi:<br><br>- Preżentazzjoni tal-Pjan ta' Direzzjoni ATM għall-approvazzjoni tal-Kunsill<br><br>- Preżentazzjoni ta' metodi ta' tranżizzjoni mill-Iżvilupp għall-Fażi tat-Twettiq tas-SESAR<br><br>- Preżentazzjoni ta' modalitajiet għall-involviment ta' pajjiżi li mhumiex Stati Membri ta' l-UE |
| Proposta għal direttiva dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u r-residenza ta' ħaddiema staġjonali | Proposta Leġiżlattiva/Direttiva<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art 63(3) | Il-proposta timmira li tistabbilixxi kundizzjonijiet komuni għad-dħul u r-residenza għal ħaddiema staġjonali minn terzi pajjiżi. Hija parti minn pakkett komprensiv ta' miżuri, kif propost fil-Pjan tal-Politika dwar il-Migrazzjoni Legali ta' l-2005 u żviluppat iżjed fil-Komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni ċirkolari u s-sħubijiet fil-migrazzjoni ta' l-2007. Għanijiet speċifiċi għandhom jiżguraw stat ġuridiku sigur u protezzjoni msaħħa kontra l-isfruttament għal kategoriji ta' ħaddiema minn terzi pajjiżi partikularment dgħajfa, bħal ħaddiema staġjonali, u l-iżvilupp ta' politika ta' migrazzjoni ċirkolari. |
| Proposta għal direttiva dwar il-proċeduri li jirregolaw id-dħul, is-soġġorn temporanju u r-residenza ta' Nies Trasferiti bejn Korporazzjonijiet (ICT) u dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u r-residenza ta' nies trasferiti mħallsa | Proposta Leġiżlattiva/Direttiva<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art 63 | Fir-rigward ta' l-ICT, din l-iskema se tistabbilixxi proċeduri komuni li jirregolaw id-dħul, is-soġġorn temporanju u r-residenza fl-EU ta' ICT, f'dawk l-oqsma li mhux koperti min-negozjati GATS. Dawn il-proċeduri għalhekk se jkunu mingħajr preġudizzju għall-impenn internazzjonali li daħlet għalih il-KE jew il-KE ma' l-Istati Membri tagħha. Fir-rigward ta' apprendisti mħallsa, l-għanijiet ewlenin tagħha jintrabtu ma' l-iżvilupp tal-politika tal-migrazzjoni ċirkolari, anke bil-ħsieb li jingħata tissostna l-politika ta' l-iżvilupp tal-KE: il-possibbiltà li ċittadini ta' pajjiżi terzi jiksbu ħiliet u għarfien matul perjodu ta' taħriġ fl-Ewropa tista' fil-fatt tkun mezz ta' tħeġġiġ taċ-ċirkolazzjoni ta' l-għarfien, li hu ta' ġid sew għall-pajjiż li jibgħat u sew għal dak li jilqa'. |
| Komunikazzjoni dwar l-istrateġija multiannwali li jmiss biex tkun stabbilita żona ta' libertà, sigurtà u | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva hu li jiddefinixxi fuq ċertu numru ta' snin il-prijoritajiet u l-għanijiet għall-iżvilupp futur ta' l-UE bħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u li jiddetermina l-mezzi u l-inizjattivi ta' kif l-aħjar jintlaħqu. |

| | | |
|---|---|---|
| ġustizzja | | |
| Green Paper dwar il-Migrazzjoni u l-Edukazzjoni | Azzjoni mhux Leġiżlattiva/Green paper | Il-Green Paper se tenfasizza r-rwol ċentrali ta' l-edukazzjoni f'politiki ta' integrazzjoni, se tqajjem interess fil-problemi li jiffaċċjaw studenti emigranti u tanalizza soluzzjonijiet possibbli u prattiċi tajba. Hi se tindirizza wkoll x'jistgħu jagħmlu programmi u fondi tal-Komunità biex isostnu l-iżvilupp tal-politika. |
| Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-"Impenn imġedded għal ġustizzja soċjali fl-Ewropa: twessigħ tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali " | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | Bħala riżultat ta' l-inugwaljanzi fl-opportunitajiet, mhux iċ-ċittadini kollha ta' l-UE jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Hemm lok għal titjib fil-proċess eżistenti li jappoġġja l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jeqirdu l-faqar, jippromwovu l-inklużjoni soċjali, u jimmodernizzaw il-protezzjoni soċjali. Il-koordinazzjoni tal-politika u t-tagħlim reċiproku għandhom jissaħħu. "L-intensifikazzjoni ta' l-OMC" tfisser li l-Istati Membri jidentifikaw b'mod iżjed ċar l-isfida ta' l-inklużjoni soċjali u n-nuqqasijiet fis-sistemi tal-ħarsien soċjali tagħhom kif ukoll il-politiki l-aktar xierqa biex jindirizzaw dawn il-problemi permezz ta' monitoraġġ aktar mill-qrib u ffissar ta' standards, u ffukar aktar ċar fuq il-politika u l-mekkaniżmi għat-twettiq tagħhom. |
| Komunikazzjoni dwar l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla | Azzjoni mhux leġiżlattiva /konsultazzjoni | Din il-Komunikazzjoni se tippreżenta ħarsa politika ġenerali lejn l-inizjattivi li ttieħdu mill-adozzjoni tal-Kommunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar u l-impjieg (COM(2005)120). Il-komunikazzjoni se tniedi sħubija Ewropea għall-adozzjoni tal-bidla li tenfasizza r-rwol u r-responsabbiltajiet ta' l-atturi prinċipali fil-ġestjoni tal-bidla (il-Kummissjoni, l-Istati Membri, ir-reġjuni, is-setturi, l-intrapriżi, il-ħaddiema u l-imsieħba soċjali). Il-Komunikazzjoni se tniedi t-tieni fażi ta' konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali Ewropej dwar ir-ristrutturar antiċipat tal-kumpaniji. |
| Proposta għal reviżjoni tad-direttiva tal-Kunsill 94/45/KE tat-22 ta' Settembru 1994 (Kunsilli Ewropej tax-Xogħolijiet) | Proposta Leġiżlattiva/Direttiva Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 137 para 2b | Il-leġiżlazzjoni ta' l-UE jeħtieġ li tiġi mmodifikata biex issir iżjed koerenti u effiċjenti bl-għan li ssaħħaħ ir-rwol tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħolijiet, partikolarment biex tantiċipa u takkumpanja r-ristrutturar. |
| Proposta għal Direttiva li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali barra mill-impjieg | Proposta Leġiżlattiva/Direttiva<br><br>Bażi ġuridika: l-Art. 13 tat-Trattat KE | L-Artikolu 13 jipprovdi l-bażi ġuridika biex l-Unjoni Ewropea tieħu azzjonijiet xierqa kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, il-provenjenza razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, iżda l-prinċipju kontra d-diskriminazzjoni jibda jopera biss meta jiddaħħal f'Direttiva jew strument ieħor skond l-Artikolu 13 tal-KE. Diġà ġew adottati tliet direttivi taħt din il-bażi ġuridika iżda barra mill-isfera ta' l-impjiegi dawn mhumiex applikabbli kontra d-diskriminazzjoni jekk mhux għall-oriġini razzjali jew etnika u s-sess. Għalkemm xi Stati Membri jmorru oltre d-Direttivi attwali u jipprovdu l-istess livell ta' protezzjoni kontra kull xorta ta' diskriminazzjoni, hu meħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza ma' l-Ewropa kollha f'dan il-qasam. Direttiva Ewropea biss tista' tipprovdi tali qafas koerenti.<br><br>In-nuqqas ta' protezzjoni uniformi tista' taffettwa l-għażliet tan-nies dwar jekk jaħdmux jew jistudjawx fi Stat Membru ieħor, jew jekk jivvjaġġawx għal hemm u jaċċessaw is-servizzi. Il-konsultazzjoni tal-Panel |

| | | |
|---|---|---|
| | | Ewropew ta' Konsultazzjoni dwar in-Negozju turi li ħafna negozji jemmnu li tagħmel differenza jekk ikunx hemm livelli differenti ta' protezzjoni bejn Stati Membri fl-UE kontra d-diskriminazzjoni fl-aċċess għall-prodotti, is-servizzi u l-akkomodazzjoni ibbażata fuq l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon u l-orjentazzjoni sesswali (63%) u 26% jemmnu li differenza fil-livelli ta' protezzjoni taffettwa l-ħila tagħhom li jagħmlu n-negozju fi Stat Membru ieħor.<br><br>Il-bażi għal inizjattiva ġdida hi li l-livell ta' protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon u twemmin, l-età, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali inqas minn dik ipprovduta fil-każ tad-diskriminazzjoni razzjali. |
| Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu. | Proposta leġiżlattiva/Direttiva Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art 137 | Id-Direttiva 92/85/KEE tipprovdi miżuri indirizzati lejn it-titjib tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għal nisa tqal u nisa li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu; inkluż minimu ta' 14-il ġimgħa kontinwa ta' lif tal-maternità. L-għan hu li tittejjeb ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali, privata u familjari billi jittejbu d-dispożizzjonijiet attwali dwar il-protezzjoni tal-maternità. |
| Green paper dwar il-Professjonisti tas-Saħħa fl-Ewropa | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | L-għan ta' din il-proposta hu li jitnieda proċess ta' riflessjoni ta' livell għoli dwar kwistjonijiet marbuta mal-mobilità tal-professjonisti tas-saħħa. Kull proposta futura tal-Kummissjoni ssir biss aktar 'il quddiem u tkun imsejsa fuq ir-riżultat tal-proċess ta' riflessjoni. |
| Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Azzjoni Ewropea fil-qasam tal-Mard Rari | Azzjoni mhux leġiżlattiva/<br><br>Komunikazzjoni | Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Azzjoni Ewropea fil-qasam ta' mard rari (inkluż mard ġenetiku) għandha l-għan li ttejjeb il-probabbiltà li l-pazjenti jirċievu kura u informazzjoni xierqa fir-rigward ta' mard rari u li titreġġa' lura s-sitwazzjoni preżenti ta' inċertezza u inviżibbiltà tan-nies li jsofru minn mard rari. Il-professjonisti tas-saħħa u l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika m'għandhomx biżżejjed għarfien dwar il-maġġoranza tal-mard rari. Dan in-nuqqas ta' għarfien huwa l-kaġun ta' żbalji dijanjostiċi – sors ta' tbatija għall-pazjenti u l-familji tagħhom – u dewmien fl-għoti tal-kura, li xi drabi jista' jippreġudika l-istat tal-pazjent. Dan imbagħad se jikkontribwixxi għall-għanijiet komprensivi – it-titjib fir-riżultati tas-saħħa, u għalhekk estensjoni tas-Snin ta' Saħħa Tajba, l-indikatur ewlieni ta' l-Istrateġija ta' Liżbona. |
| Direttiva dwar il-kwalità u s-sigurtà tad-donazzjoni u t-trapjanti ta' l-organi flimkien ma' Pjan ta' Azzjoni għall-kooperazzjoni aktar mill-qrib | Proposta leġiżlattiva/Direttiva | Id-Direttiva se tinkludi l-prinċipji meħtieġa biex jistabbilixxu qafas bażiku tal-kwalità u s-sigurtà għall-użu terapewtiku ta' l-organi tal-bniedem, per eżempju: it-twaqqif ta' awtorità nazzjonali responsabbli għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tad-direttiva, sett komuni ta' standards ta' kwalità u sigurtà għall-preservazzjoni u t-trasport ta' l-organi, u biex taċċerta t-traċċabilità u tiżgura r-rappurtar ta' okkorrenzi |

| | | |
|---|---|---|
| bejn l-Istati Membri dwar id-donazzjoni u t-trapjanti ta' l-organi | Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 152<br><br>Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | avversi serji.<br><br>Il-pjan ta' azzjoni se jistabbilixxi l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri biex jgħin fil-massimizzazzjoni tad-donazzjoni ta' l-organi u biex jingħata aċċess ekwu għat-trapjant. Il-pjan se jidentifika wkoll l-għanijiet komuni li dwarhom hemm qbil li jeħtieġu tweġiba mill-Komunità, se jiddeskrivi l-azzjonijiet, l-indikaturi u l-istandards ta' referenza kwantitattivi u kwalitattivi maqbula u jistabbilixxi rappurtar regolari. |
| Komunikazzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Komunikazzjoni u l-Infrastruttura ta' l-Informazzjoni Kritika (CIIP) | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | L-għan hu li tiġi żviluppata, fil-kuntest tal-qafas usa' li qed jevolvi fil-Programm Ewropew għall-Protezzjoni ta' l-Infrastruttura ta' l-Informazzjoni Kritika (EPCIP), politika ta' l-UE dwar il-protezzjoni ta' l-infrastruttura ta' informazzjoni kritika. L-għan hu li jiġu żgurati livelli xierqa u konsistenti tas-sigurtà protettiva u r-riġidità infrastrutturali ta' l-informazzjoni kritika biex tkun garantita l-kontinwità tas-servizzi. |
| Komunikazzjoni dwar it-telemediċina u t-teknoloġiji innovattivi għall-ġestjoni tal-mard kroniku | Azzjoni mhux leġiżlattiva /Komunikazzjoni | • Din il-komunikazzjoni se timmira li:<br><br>• Tevalwa mal-partijiet interessanti ewlenin is-sitwazzjoni tat-telemediċina fl-Istati Membri, mill-perspettiva teknoloġika, legali u regolatorja; tidentifika l-ostakli u l-opportunitajiet<br><br>– Tipproponi sett ta' azzjonijiet li jiffaċilitaw l-użu tat-teknoloġiji innovattivi kif ukoll l-iżvilupp ta' kuntest ġuridiku għall-għodod tat-telemediċina fl-Ewropa kollha. Se jiġu żviluppati piloti, notevolment fil-kuntest tal-Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP)<br><br>– Tipproponi mekkaniżmi xierqa għall-valutazzjoni u l-akkreditazzjoni tat-teknoloġija li jittrattaw il-frammentazzjoni u t-trasparenza fis-suq u s-sigurtà tal-pazjenti |
| Programm li jipproteġi t-tfal li jużaw l-Internet u l-mezzi l-ġodda (2009-2013) | Proposta leġiżlattiva/Deċiżjoni<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 153 | Dan il-programm ġdid jibni fuq ir-riżultati miksuba mill-programm Internet Aktar Sikur *plus*. L-għan tiegħu ikun li jippromwovi l-użu iżjed sikur ta' l-Internet u teknoloġiji online ġodda, b'mod partikulari mit-tfal, u li jiġġieled il-kontenut illegali u kontenut mhux mitlub mill-utent finali, bħala parti minn approċċ koerenti mill-Unjoni Ewropea. |
| Komunikazzjoni li tirrevedi t-tħaddim tar-Regolament tar-Roaming | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | Il-Kummissjoni se tirrevedi t-tħaddim tar-Regolament dwar ir-Roaming u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill sa mhux iżjed tard mit-30 ta' Diċembru 2008. Il-Kummissjoni se tevalwa b'mod partikulari jekk l-għanijiet ta' dan ir-Regolament intlaħqux. Fir-rapport tagħha l-Kummissjoni se tirrevedi l-iżviluppi fil-prezzijiet lir-rivendituri u l-klijenti aħħarin għall-provvista ta' servizzi tal-komunikazzjoni bil-vuċi u tad-data lill-klijenti tar-roaming, inklużi ta' l-SMSs u l-MMSs, u jekk ikun xieraq, tinkludi rakkomandazzjonijiet dwar il-ħtieġa tar-regolazzjoni ta' dawn is-servizzi. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni se tevalwa jekk fid-dawl ta' l-iżviluppi fis-suq u meta tqis il-kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur, jekk hemmx bżonn li testendi r-Regolament wara l-perjodu msemmi fl-Artikolu 13 jew jekk temendahx, filwaqt li tikkunsidra l-iżviluppi fil-piżijiet fil-prezzijiet tas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli bil-vuċi u tad-data fil-livelli nazzjonali u l-effetti ta' dan ir-Regolament fuq is-sitwazzjoni kompetittiva ta' operaturi iżgħar, indipendenti jew ġodda. |
| Proposta leġiżlattiva dwar it-tisħiħ tal-Eurojust | Proposta leġiżlattiva /Deċiżjoni Bażi ġuridika: it-Trattat KE, l-Art. 31(2), 34(2)(c) | Eurojust għandha rwol importanti fil-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali organizzata. Fil-preżent, il-poteri tal-membri nazzjonali tal-Eurojust huma limitati u ffukati fuq il-koordinazzjoni ta' l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet. Sabiex titħarrax il-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali organizzata, il-poteri tal-Eurojust għandhom jiżdiedu u r-rabtiet bejn il-Eurojust u n-Network Ġudizzjarju Ewropew għandhom jiġi ristrutturati. Jekk dan isir, il-Eurojust tkun kapaċi tikkontribwixxi b'mod iżjed sostanzjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali organizzata. |
| Komunikazzjoni dwar il-Ġustizzja Elettronika | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | Din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tiddefinixxi strateġija globali tal-Kummissjoni dwar il-kwistjoni tal-Ġustizzja elettronika, li fil-parti l-kbira tirrigwarda l-istrumenti eżistenti u previsti mill-Komunità bħal rekords kriminali u sistema ta' ħlas elettroniku fl-UE. Aspetti importanti hu wkoll li tittieħed pożizzjoni dwar il-pjanijiet għall-Interkonnessjoni tal-Portali fil-livell ta' l-UE. |
| Strument leġiżlattiv fil-qasam tas-suċċessjonijiet u t-testmenti | Proposta leġiżlattiva /Regolament<br><br>Bażi ġuridika: l-Art. 67 tat-Trattat KE | L-għan hu li l-ħajja taċ-ċittadini Ewropej issir aktar faċli permezz tat-twaqqif ta' qafas legali koerenti rigward is-soluzzjoni tal-konflitti fil-qasam tas-suċċessjoni, mistoqsijiet ta' kompetenza ġuridika, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni reċiproka tad-deċiżjonijiet, id-dokumenti u l-atti estraġuridiċi meħtieġa għas-soluzzjoni mhux kontenzjuża tas-suċċessjonijiet (testmenti, atti, atti amministrattivi). Hemm previsti wkoll ċertifikat ereditarju Ewropew u mekkaniżmu jippermetti tagħrif preċiż dwar jekk resident ta' l-UE ħalliex testment. |
| Komunikazzjoni dwar ir-radikalizzazzjoni vjolenti | Azzjoni mhux leġiżlattiva /Komunikazzjoni | L-għanijiet ta' din il-politika huma li jiġu żviluppati inizjattivi fil-qasam tal-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni vjolenti bbażat fuq studji, kwestjonarju u organizzazzjoni ta' konferenza kbira. L-istudji huma bbażati fuq riċerka fil-post u l-ġbir ta' data empirika bl-adozzjoni ta' metodi komparattivi u inter-dixxiplinarji. |
| Proposta dwar id-Direttiva Qafas tad-Drittijiet Kuntrattwali tal-Konsumatur (*) | Proposta Leġiżlattiva/Direttiva<br><br>Bażi ġuridika: it-Trattat KE l-Art. 95 | L-għan ġenerali tar-reviżjoni ta' l-acquis hu li jissemplifika u jtejjeb il-koerenza tal-qafas regolatorju tal-konsumatur biex b'hekk tiżdied iċ-ċertezza legali sew għall-konsumatur u sew għan-negozji. L-istrument legali se jkun kombinazzjoni ta' kodifikazzjoni u revoki ta' partijiet minn direttivi eżistenti u d-dħul ta' regoli ġodda. L-azzjoni regolatorja l-iżjed probabbli, skond ir-riżultat finali ta' din ir-reviżjoni, se tkun modalità mħallta ta' r-reviżjoni ta' l-acquis. Din se tikkonsisti fi strument orizzontali, mirfud kull meta meħtieġ minn soluzzjonijiet vertikali. |
| Komunikazzjoni dwar il- | Azzjoni mhux leġiżlattiva | Din il-Komunikazzjoni se tipprovdi orjentazzjonijiet għal sinerġija aħjar bejn il-politika Ewropea u ta' l-Istati Membri għall-promozzjoni tal-multilingwiżmu, notevolment permezz tal-Metodu Miftuħ tal- |

| | | |
|---|---|---|
| Multilingwiżmu: Nilqgħu l-isfida tas-Soċjetà Ewropea | /Komunikazzjoni | Koordinazzjoni u billi jsir użu aħjar ta' programmi u inizjattivi Ewropej.<br><br>L-istrateġija l-ġdida għandha b'mod partikulari tikkontribwixxi biex ittejjeb l-impjegabbiltà taċ-ċittadini, il-kompetittività ta' l-intrapriżi Ewropej, id-djalogu interkulturali u l-inklużjoni soċjali kif ukoll biex jinħoloq spazju Ewropew għad-djalogu maċ-ċittadini. Dan l-approċċ ġdid għandu, għalhekk, jinkludi l-oqsma kollha tal-politika ta' l-UE, jinvolvi l-partijiet interessati kkonċernati kollha u jiġi maħsub u implimentat bil-kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri kollha. |
| Komunikazzjoni dwar l-Għajnuna ta' l-UE għall-Iżvilupp : Nagħmlu aktar, aħjar u aktar malajr – Inwettqu l-impenji tagħna | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | Din il-Komunikazzjoni se tiddeskrivi l-kontribuzzjoni ta' l-UE għat-Tielet Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja ta' l-Għajnuna (Accra, Settembru 2008) u għall-Konferenza ta' Segwitu dwar l-Iffinanzjar ta' l-Iżvilupp biex Tirrevedi l-Implimentazzjoni tal-Kunsens Monterrey (Doha, Diċembru 2008). Hi se tindirizza wkoll il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp billi tislet it-tagħlimiet mid-dibattitu dwar ir-rapport ta' l-UE maħruġ f'Settembru 2007 u s-sitwazzjoni attwali tal-kontribuzzjoni ta' l-UE għall-Għajnuna tal-Kummerċ. |
| Komunikazzjoni 'L-UE, l-Afrika u ċ-Ċina: Lejn djalogu trilaterali u kooperazzjoni dwar il-paċi, l-istabbiltà u l-iżvilupp sostenibbli ta' l-Afrika' | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | Il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tiffissa aġenda innovattiva għal djalogu u kooperazzjoni trilaterali bi tweġiba żviluppi ewlenin ġodda fir-relazzjonijiet ta' l-UE maż-żewġ imsieħba u l-kooperazzjoni Nofsinhar man-Nofsinhar. L-impatti fuq is-sigurtà, l-istabbiltà, l-iżvilupp sostenibbli fl-Afrika u fuq ir-regolazzjoni globali, notevolment il-fatt li ċ-Ċina saret is-sieħba ewlenija ta' l-Afrika f'dawn l-aħħar ftit snin jeħtieġu tweġiba f'forma ta' politika mill-UE u sforz biex tittejjeb il-koerenza ta' l-aġendi tagħna fir-rigward kemm l-Afrika u kemm taċ-Ċina. Hija se tipproponi djalogu kostruttiv, kooperazzjoni u mezzi ta' ġestjoni tal-kompetizzjoni b'mod li jkunu ta' benefiċċju għall-paċi, il-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli fl-Afrika. |
| Komunikazzjoni 'Żvilupp Ekonomiku u integrazzjoni reġjonali fl-ACPs' | Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | Il-Komunikazzjoni se tara kif l-aħjar jiġi mrawwem l-iżvilupp ekonomiku u l-integrazzjoni reġjonali fl-ACPs (inkluż il-kummerċ) b'attenzjoni qawwija għall-iżvilupp tas-settur privat. L-għan se jkun li tiġi żviluppata strateġija li tiżgura l-komplementarjetà ta' l-azzjonijiet u l-istrumenti li jeżistu fil-livell ta' l-UE u ta' l-Istati Membri. |
| **Pakkett tal-Foresti:**<br><br>a) Komunikazzjoni dwar il-miżuri li jnaqqsu d-deforestazzjoni<br><br>b) Komunikazzjoni dwar il-prevenzjoni tat-tqegħid fis-suq fl-UE ta' l-injam maqtugħ illegalment u prodotti magħmula minn tali injam (bil-possibbiltà ta' proposta leġiżlattiva li takkompanjaha) | a) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni<br><br>b) Azzjoni mhux leġiżlattiva/Komunikazzjoni | a) Il-Komunikazzjoni se tipproponi l-għażliet ta' politika għall-skema futura bl-għan li titwaqqaf id-deforestazzjoni.<br><br>b) Din il-Komunikazzjoni se tesplora possibbiltajiet ta' politika sabiex tiġi evitata l-importazzjoni/it-tqegħid fis-suq fl-UE ta' l-injam maqtugħ illegalment u prodotti magħmula minn tali injam. Din tista' tkun akkumpanjata bi proposta leġiżlattiva li tkun tiddependi mir-riżultati tal-valutazzjoni kontinwa ta' impatt. Din l-inizjattiva ssegwi n-negozjati bilaterali kurrenti u fil-futur ma' pajjiżi li jipproduċu ammont kbir ta' injam sabiex jiġi konkluż l-ftehim FLEGT (L-Infurzar tal-Liġi, il-Kontroll u l-Kummerċ), u timmira li tħares il-foresti vulnerabbli mill-qtugħ illegali tas-siġar u li telimina l-bejgħ fl-UE ta' prodotti ġejjin minnu. |

(61 inizjattiva miġbura f’49 pakkett)

(*) Inizjattivi li jikkontribwixxu wkoll għall-programm ta’ semplifikazzjoni ara l-Anness 2

# Anness 2 – Lista ta' inizjattivi ta' semplifikazzjoni

| Titolu | Tip ta' azzjoni ta' semplifikazzjoni | Ambitu u għanijiet |
|---|---|---|
| Proposti leġiżlattivi li joħorġu mill-Komunikazzjoni dwar il-'Kontroll tas-Saħħa' fil-Politika Agrikola Komuni. | Reviżjoni | Wara l-Komunikazzjoni ta' l-2007 dwar il-"Verifika tas-Saħħa" fil-Politika Agrikola Komuni (PAK), il-proposti leġiżlattivi se jipprovdu għażliet li għandhom l-għan li jagħmlu l-Iskema ta' Pagament Uniku aktar effettiva, billi jadattaw l-istrumenti ta' sostenn tas-suq u jindirizzaw l-isfidi l-ġodda ffaċċjati mis-settur. Il-"Verifika tas-Saħħa" mhix riforma fundamentali, iżda essenzjalment timmira li tiżgura li l-PAK tiffunzjona b'mod effikaċi u ssemplifikat kemm jista' jkun. Din l-inizjattiva ġejja mill-klawżoli ta' reviżjoni dwar l-Iskema ta' Pagament Uniku u dwar ċerti swieq agrikoli li ddaħħlu fir-riformi tal-CAP ta' l-2003/04 |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet ta' tagħrif u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u f'pajjiżi terzi. | Reviżjoni | Din l-inizjattiva għandha bħala l-għan l-istipular tal-kundizzjonijiet rigward il-kofinanzjament tal-programmi tat-tagħrif u l-promozzjoni tal-prodotti agrikoli fis-suq intern u f'pajjiżi terzi. Hija se tieħu l-forma ta' konsolidazzjoni ta' żewġ regolamenti tal-Kummissjoni (1071/2005 u 1346/2005) eżistenti. |
| Ħażna Privata: Ir-Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi regoli komuni għall-ħażna privata ta' id-prodotti agrikoli skond il-Politika Agrikola Komuni. | Reviżjoni | L-għan tal-proposta hu s-sostituzzjoni ta' l-għadd ta' regoli settorjali b'oħrajn orizzontali u s-semplifikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-ġestjoni relatati mal-ħażna privata ta' prodotti agrikoli. Id-dispożizzjonijiet settorjali eżistenti, li jistgħu jvarjaw minn settur għall-ieħor, se jkunu eżaminati bil-ħsieb li jiġu eliminati d-dispożizzjonijiet mhux meħtieġa u tiġi armonizzata s-sistema tal-ħażna privata. |
| Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru … li jistabbilixxi l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (CMO) u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (regolament uniku dwar l-CMO). | Reviżjoni, tfassil mill-ġdid u tħassir | Ir-regolament dwar l-organizzazzjoni tas-suq komuni (CMO), skedat għall-adozzjoni mill-Kunsill f'Ottubru 2007, jgħaqqad is-CMOs eżistenti f'test uniku. Hu ma jimmodifikax il-politika imma jirrazzjonalizza u jarmonizza l-leġiżlazzjoni. Għalhekk fil-frattemp saru diversi emendi sostantivi fis-CMOs eżistenti. Dan huwa notevolment il-każ fis-setturi tal-ħalib, taz-zokkor u tal-frott u l-ħaxix. Huwa importanti li dawn l-emendi jkunu inkorporati fis-CMO unika sabiex jintlaħaq l-għan li jkun hemm test legali uniku ssemplifikat li jiffaċilita l-aċċess għal-leġiżlazzjoni eżistenti u b'hekk joħloq livell ferm ogħla ta' trasparenza u ċarezza legali. L-inizjattiva għalhekk tirrigwarda l-proposta sussegwenti tal-Kummissjoni. |

| | | |
|---|---|---|
| Pakkett tal-Ħalib (żewġ inizjattivi separati): 1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi ċerti regoli ta' implimentazzjoni rigward l-intervent għall-butir;<br>2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi ċerti regoli ta' implimentazzjoni rigward l-intervent għat-trab tal-ħalib xkumat. | Reviżjoni | L-għan ta' l-inizjattiva hu li tissemplifika l-proċeduri relatati max-xiri ta' intervenzjoni tal-butir, biex tabolixxi l-gradi nazzjonali tal-kwalità tal-butir, u l-għajnuna għall-ħażna privata tal-krema u tat-trab tal-ħalib xkumat. Kjarifiki tekniċi u semplifikazzjoni (eż. rigward id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà) se jtejbu l-leġibbiltà tat-test. |
| Kontrolli ta' Razzjonalizzazzjoni: Emenda tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll. | Reviżjoni | Din il-proposta toħroġ direttament mir-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità (COM(2007)147). L-emendi tagħha jwasslu għall-regoli aktar sempliċi u aktar effettivi rigward il-kontrolli fuq il-pagamenti diretti lill-bdiewa marbuta ma' l-għażla tal-kampjun tal-kontroll, l-għażla tal-ħin ta' dawn il-kontrolli, u r-regoli speċifiċi dwar il-kontrolli fuq il-post. |
| Rifondi tal-Produzzjoni tal-Lamtu: Ir-Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1722/93 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 li jikkonċerna r-rifondi tal-produzzjoni fis-settur taċ-ċereali. | Reviżjoni | L-għan ta' din l-inizjattiva hu s-semplifikazzjoni tal-proċeduri tal-kontroll biż-żieda fil-livell tal-ħtiġijiet għall-kontroll speċjali. Hija tissemplifika l-ambjent tan-negozju li fih joperaw il-produtturi tal-lamtu ta' l-UE billi telimina l-miżuri amministrattivi mhux meħtieġa / sproporzjonati marbuta mal-kontroll fuq il-lamti modifikati Din il-proposta ġiet elaborata wara konsultazzjoni ma' l-NGOs/partijiet interessati. |
| Kontrolli tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni: Ir-Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2090/2002, Nru 3122/94 u Nru 800/1999 rigward il-verifiki fiżiċi u s-sostituzzjoni tal-kontrolli fil-qafas ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli. | Reviżjoni | Modifikazzjoni tar-Regolament tal-KE Nru 2090/2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati biex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 386/90 rigward verifiki fiżiċi mwettqa meta jiġu esportati prodotti agrikoli li jikkwalifikaw għar-rifużjoni. |
| Frott u ħaxix frisk: proposta għall-Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-istandards tat-tiswiq tal-frott u l-ħaxix frisk u li jistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar il-kontrolli fuq il-konformità ma' dawn l-istandards tat-tiswiq. | Reviżjoni | L-għan tal-proposta huwa li tgħaqqad 34 regolament dwar l-istandards tat-tiswiq tal-frott u l-ħaxix frisk f'regolament wieħed, li tnaqqas il-lista ta' prodotti koperti mill-istandards tat-tiswiq u tirrazzjonalizza l-operazzjonijiet ta' kontroll. |
| L-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid: emenda fir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (għadha mhux ppubblikata) biex jinkludi d-dispożizzjonijiet rigward l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid. | Reviżjoni | L-emenda se tinkludi r-regoli speċifiċi dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid fir-regoli ġenerali rigward l-organizzazzjoni tas-suq komuni tal-prodott agrikolu. Dan għandu jiċċara u jissemplifika l-leġiżlazzjoni ta' l-UE. |

| | | |
|---|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) ... dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-trattat għall-għajnuna reġjonali, l-SME, ir-R&D, l-għajnuna ambjentali, l-impjiegi, it-taħriġ. (Regolament ta' l-Eżenzjoni Sħiħa Ġenerali – adozzjoni finali) | Reviżjoni | L-għan aħħari segwit mill-Kummissjoni huwa li tiġbor flimkien ir-Regolamenti kollha eżistenti ta' l-Eżenzjoni Sħiħa f'regolament wieħed għall-ewwel darba. Dan iwassal għal impatt kwalitattiv f'termini ta' ċarezza, prevedibbiltà u trasparenza tar-regoli ta' l-UE għan-negozju u għall-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali. Il-GBER il-ġdid se jkopri oqsma diġà koperti minn eżenzjonijiet sħaħ (taħriġ, impjiegi, SME) u oqsma ġodda (innovazzjoni, ambjent, kapital ta' riskju, għajnuna reġjonali). It-testi dwar ir-riċerka u l-kapital ta' riskju kienu adottati fl-2006, iżda dawk applikabbli għall-ambjent se jkunu adottati fl-2007. L-iffinalizzar ta' l-abbozz tal-GBER il-ġdid huwa skedat għall-2007 u l-adozzjoni formali mill-Kummissjoni għall-2008. |
| Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji. | Reviżjoni | Id-Direttiva 2001/23/KE ma fiha l-ebda dispożizzjoni dwar konflitt fil-liġijiet. B'riżultat ta' dan, hemm nuqqas ta' ċarezza dwar kif għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għat-trasferimenti transkonfinali. L-għan tal-proposta – li għandha ssir mill-Kummissjoni wara ż-żewġ fażijiet ta' konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali – huwa għalhekk li tiċċara l-applikazzjoni tad-Direttiva għall-operazzjonijiet transkonfinali. Il-proposta se żżid iċ-ċertezza legali għall-aġenti ekonomiċi u ġudizzjarji u tirriżulta fl-iffrankar ta' l-ispejjeż għall-impriżi u fi protezzjoni aħjar tal-ħaddiema. |
| Inizjattiva tal-Komunità dwar mard muskolo-skeletali relatat max-xogħol | Tfassil mill-ġdid | L-għan ta' din l-inizjattiva huwa l-integrazzjoni fi strument leġiżlattiv uniku tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskju ta' mard muskolo-skeletali fuq ix-xogħol. Dawn id-dispożizzjonijiet huma attwalment frammentati fuq direttivi differenti, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 90/269/KEE dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għat-tqandil manwali tat-tagħbija u d-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen. L-istrument leġiżlattiv uniku jkun aktar komprensiv, aktar ċar u eħfef biex ikun applikat. Dan igawdu minnu l-impjegaturi f'termini ta' ċarezza legali u l-ħaddiema f'termini ta' protezzjoni aħjar mir-riskji ta' mard muskolo-skeletali. |
| Reviżjoni tar-Regolamenti tal-"Varjazzjonijiet" Farmaċewtiċi: bidla fil-bażi ġuridika, fid-Direttivi 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u 2001/82/KE għall-użu veterinarju | Reviżjoni | L-għan huwa li tissemplifika r-regoli dwar it-tibdil fil-mediċini wara l-ħruġ tal-liċenzja (hekk imsejħa Regolamenti tal-'Varjazzjonijiet'). Il-ġestjoni amministrattiva ta' dawn ir-regoli attwalment timmobilizza aktar minn 60% tar-riżorsi umani u ta' l-ispejjeż finanzjarji tad-dipartimenti regolatorji tal-kumpaniji. F'xi każi, dan il-piż jaf ifixkel l-innovazzjoni billi ma jħallix l-introduzzjoni ta' tibdil li huwa ta' ġid għall-pazjenti u għas-soċjetà. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-industrija permezz tar-razzjonalizzazzjoni taċ-ċirkostanzi li jobbligaw lill-industriji li jimlew applikazzjonijiet għall-varjazzjonijiet fi prodotti mediċi għall-użu mill-bniedem u veterinarju. Il-bażi ġuridika attwali għat-twettiq tar-regoli dwar it-tibdil fl-awtorizzazzjoni tat-tiswiq ma tippermettix lill-Kummissjoni li tistipula regoli għall-awtorizzazzjoni tat-tiswiq purament nazzjonali. Din il-bażi ġuridika għandha titwessa' biex tispiċċa d-diskrepanza fl-armonizzazzjoni. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tbiddel il-bażi ġuridika tad-Direttivi: 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u d-Direttiva 2001/82/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji. |

| | | |
|---|---|---|
| Reviżjoni tar-Regolamenti tal-"Varjazzjonijiet" farmaċewtiċi: semplifikazzjoni u modernizzazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1084/2003 u 1085/2003 | Reviżjoni | L-għan huwa li jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-industrija billi jiġu ssemplifikati r-regoli tal-varjazzjonijiet fil-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u veterinarju. Ir-regolamenti tal-Varjazzjonijiet qegħdin jimplimentaw ir-regoli adottati mill-Kummissjoni dwar tibdil fl-awtorizzazzjoni tat-tiswiq tal-farmaċewtiċi. |
| Regolament dwar Fatturi Avvanzati tas-Sigurtà u t-Tajers | Reviżjoni | Il-proposta se tissemplifika l-leġiżlazzjoni tal-KE fil-qasam tas-sigurtà tal-vetturi billi tissostitwixxi l-leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam b'Regolament ewlieni wieħed. Dan se jinkludi l-kontroll ta' l-istabbiltà elettronika u tajers b'reżistenza baxxa għall-irroljar. Il-proposta se tħassar madwar 50 direttiva separata u se tibdilhom, fejn hu xieraq, b'referenzi għar-Regolamenti tal-UNECE. Il-benefiċjarji ta' l-aspett tas-semplifikazzjoni ta' din il-proposta se jkunu primarjament il-manifatturi tal-vetturi u l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni nazzjonali. Is-sostituzzjoni tad-direttivi b'regolament se jħaffef ukoll il-piż amministrattiv minn fuq l-Istati Membri billi fil-ġejjieni huma ma jkollhomx il-ħtieġa li jittrasponu l-atti legali fil-qasam tas-sigurtà tal-vetturi. Barra minn dan, ir-referenzi għar-Regolamenti tal-UNECE se jevitaw id-duplikazzjoni eżistenti bejn il-liġi ta' l-UE u tal-UNECE u għalhekk iwasslu għal "regolazzjoni aħjar". |
| Tessuti: semplifikazzjoni u tibdil b'regolament uniku | Reviżjoni | Is-sostituzzjoni ta' 3 direttivi b'regolament wieħed se jissemplifika l-proċeduri għall-Istati Membri, għall-kumpaniji u għall-Kummissjoni u jwassal għall-perjodi iqsar għall-adozzjoni ta' ismijiet ġodda għall-fibri tat-tessuti. Il-metodi standard għall-analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' fibri binarji u ternarji tat-tessuti li attwalment huma inklużi fi tnejn mid-direttivi għandhom jiġu trasferiti għall-proċess ta' standardizzazzjoni. Dan ifisser li l-konsumaturi u l-kumpaniji jistgħu jgawdu l-użu aktar malajr ta' prodotti innovattivi ġodda. L-innovazzjoni u l-iżviluppi teknoloġiċi se jkunu għalhekk imħeġġa. Barra minn dan, in-natura legali tal-leġiżlazzjoni (regolament) se tiffaċilita l-applikazzjoni ta' l-addattamenti tekniċi mill-Istati Membri. |
| Tankijiet Taħt Pressjoni u Tagħmir tal-Pressa Trasportabbli | Tħassir | L-għan huwa t-tħassir ta' 4 Direttivi dwar it-Tankijiet Taħt Pressjoni (76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE) u l-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għadhom rilevanti fir-reviżjoni tad-Direttiva 99/36/KE (Tagħmir tal-Pressa Trasportabbli) |
| Metroloġija: estensjoni ta' l-ambitu tad-Direttiva 2004/22/KE dwar l-istrumenti tal-kejl u t-tħassir ta' 8 Direttivi bil-metodoloġija "bl-approċċ qadim" | Tħassir | L-għan hu li jiġi pprovdut qafas legali koerenti għall-metroloġija legali. L-estensjoni ta' l-ambitu tad-Direttiva hija l-prerekwiżit legali għat-tħassir ta' dawn id-Direttivi "bl-approċċ il-qadim" li ġejjin. |
| Skema għall-immaniġġjar ta' l-ambjent u verifika: reviżjoni tar-Regolament (KE) 761/2001 tad-19 ta' Marzu 2001 li jippermetti l-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fl-iskema Komunitarja għall- | Reviżjoni | Ir-reviżjoni għandha l-għan li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali ta' l-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw u li jżidu l-parteċipazzjoni kemm tas-settur industrijali u kemm dak pubbliku. Il-konformità legali u t-titjib fil-prestazzjoni ambjentali ta' l-organizzazzjonijiet li jipparteċipaw se jkunu ffaċilitati bil-provvista ta' l-aċċess għall-pariri dwar l-obbligi legali ambjentali u bil-gwida dwar l-aħjar prattika ta' ġestjoni ambjentali. Il-piż amministrattiv se jitnaqqas għall- |

| | | |
|---|---|---|
| immaniġġjar ta' l-ambjent u verifika (EMAS) | | korporazzjonijiet il-kbar billi tkun permessa r-reġistrazzjoni korporattiva u għall-organizzazzjonijiet iż-żgħar ir-reġistrazzjoni multipla. L-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha se jgawdu minn tnaqqis fir-rekwiżiti proċedurali, minn regoli ssemplifikati għall-użu tal-logo u minn regoli armonizzati għall-akkreditazzjoni, il-verifika u r-reġistrazzjoni. Barra minn dan l-SMEs u awtoritajiet lokali żgħar se jgawdu minn tnaqqis fl-obbligi tal-verifika u r-rappurtar u minn ħlasijiet tar-reġistrazzjoni aktar baxxi. Is-sinerġiji ma' sistemi tal-ġestjoni ambjentali oħra se jkunu ffaċilitati. L-inċentivi u t-tnaqqis fir-rekwiżiti regolatorji għall-organizzazzjonijiet parteċipanti mill-istati membri se jkunu mħeġġa. |
| Skema ta' l-għoti ta' l-eko-tikketta: reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta ta' l-għoti ta' l-eko-tikketta Komunitarja | Reviżjoni | Ir-reviżjoni timmira li ttejjeb l-effikaċja u l-impatt fis-suq billi żżid il-firxa ta' gruppi ta' prodotti eliġibbli u l-għadd ta' prodotti u servizzi bl-ekotikketta attwalment offruti lill-konsumatur. Il-proċedura ta' l-iżvilupp u ta' l-adottar tal-kriterji ta' l-ekotikketta se tinbidel b'mod estensiv u tiġi ssemplifikata. Il-partijiet ekonomiċi interessati se jkunu involuti aktar fil-proċess, biex b'hekk jiżdied is-sens ta' sjieda u l-aspett awto-regolatorju ta' l-iskema, filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-Istati Membri. Ladarba l-kriterji jkunu adottati, ikun faċli għall-operaturi ekonomiċi li japplikaw għall-ħruġ ta' l-ekotikketta għall-prodotti tagħhom. Is-sinerġiji ma' l-ekotikketti eżistenti fil-livell nazzjonali se jkunu ffaċilitati u se jiġu ffissati limiti fuq l-ispejjeż u l-ħlasijiet imposti mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri fuq l-applikanti. Barra minn dan, il-kriterji għandhom ikunu definiti b'mod li jkunu jistgħu jintużaw faċilment għal skopijiet ta' l-akkwisti pubbliċi li jħarsu l-ambjent. |
| Bijoċidi: reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali | Tfassil mill-ġdid | Din il-proposta ssegwi r-Rapport ta' l-2007 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (98/8/KE) dwar il-Bijoċidi. L-għan huwa li tipprovdi qafas legali rivedut għar-regolazzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali. Ir-reviżjoni timmira li tindirizza t-tħassib dwar il-komplessità u l-ispejjeż, kif ukoll id-disponibilità ta' ċerti prodotti bijoċidali, u twassal għal semplifikazzjoni sinifikanti tal-qafas leġiżlattiv u l-proċeduri attwali. Ir-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv dwar il-bijoċidi għandha ġġibu konformi mal-politika ta' l-UE dwar il-Kimiċi (ir-Regolament REACH). |
| WEEE: reviżjoni tad-direttiva 2002/96/KE dwar Skart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku | Reviżjoni | Ir-reviżjoni tad-Direttiva 2002/96/KE se teżamina l-possibbiltajiet li żżid l-effiċjenza u l-effikaċja tad-direttiva fl-ilħiq tal-miri ambjentali tagħha u li telimina l-ispejjeż kollha mhux meħtieġa għan-negozju, għall-konsumaturi, għall-NGOs u l-awtoritajiet pubbliċi permezz ta' l-implimentazzjoni tad-direttiva. Ir-reviżjoni se tirrigwarda l-miri, l-ambitu, il-ħtieġa tat-trattament u l-operazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-produttur. |
| RoHS: reviżjoni tad-Direttiva 2002/95/KE dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku | Reviżjoni | Ir-reviżjoni għandha l-għan li tiċċara l-kunċetti u tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-infurzar filwaqt li żżid il-benefiċċji ambjentali. Hi għandha żżid iċ-ċertezza legali għall-partijiet interessati kollha u tiffaċilita l-implimentazzjoni mill-manifatturi permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-mekkaniżmu għall-għoti ta' eżenzjonijiet u ta' l-infurzar mill-awtoritajiet nazzjonali permezz ta' klawżoli dwar is-sorveljanza tas-suq u l-kooperazzjoni amministrattiva. Barra minn dan hi għandha tipprovdi kundizzjonijiet ugwali aktar trasparenti għall-manifatturi u tissemplifika l-proċeduri permezz ta' l-introduzzjoni ta' verifiki tal-konformità armonizzati. Il-parti l-kbira ta' dawn il-miżuri se jsaħħu |

| | | |
|---|---|---|
| | | wkoll l-effett tas-suq intern tad-Direttiva u jnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi għall-amministrazzjonijiet u l-manifatturi. |
| Is-saff ta' l-ożonu: reviżjoni tar-Regolament 2037/2000/KE dwar sostanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu | Tfassil mill-ġdid | Malli l-produzzjoni u l-konsum tas-sustanzi koperti jitnaqqsu jew jinqatgħu bil-mod, ħafna dispożizzjonijiet tar-Regolament, wara seba' snin fis-seħħ, hemm bżonn li jkunu mħassra jew aġġornati. Dispożizzjonijiet oħra jistgħu jgawdu minn semplifikazzjoni bħal kjarifika tad-definizzjonijiet u proċeduri u interazzjoni ma' partijiet oħra leġiżlattivi. Dan għandu jnaqqas il-każijiet ta' interpretazzjoni ambigwa u r-riskju tal-ksur ta' l-obbligi u l-piżijiet amministrattivi konsegwenti. B'mod partikulari, il-biċċa l-kbira tat-tnaqqis fl-ispiża amministrattiva se tirriżulta mit-tmiem tad-dispożizzjonijiet ta' eżenzjoni fuq xi użi ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu. Il-benefiċjarji se jkunu l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Kollox ma' kollox, it-tnaqqis fl-ispiża mit-tmiem ta' l-eżenzjonijiet huwa mistenni li jaqbeż kull spiża addizzjonali assoċjata mal-miżuri ta' kontroll il-ġodda biex jiġġieldu l-kummerċ illegali tas-sustanzi li jnaqqsu l-ożonu. |
| SEIS: proposta leġiżlattiva biex issegwi l-Komunikazzjoni dwar is-Sistema ta' Informazzjoni Ambjentali Kondiviża (SEIS) | Reviżjoni | Wara l-Komunikazzjoni ta' l-2007 il-Kummissjoni se tadotta proposti leġiżlattivi li jirfdu l-iżvilupp tas-SEIS, li jistgħu jindirizzaw ir-razzjonalizzazzjoni fir-rappurtar u/jew il-koerenza ta' l-modalitajiet tal-monitoraġġ u t-tagħrif. Din l-inizjattiva timmira li ttejjeb id-disponibilità, il-kwalità u l-komparabilità tad-data, tevita l-ħtiġijiet tar-rappurtar żejjed għall-Istati Membri u għalhekk, il-piż amministrattiv, tneħħi l-ostakli marbuta ma' l-aċċessibilità tat-tagħrif u ssaħħaħ il-koerenza tas-sistemi u l-indikaturi tal-monitoraġġ. |
| Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-PE u tal-Kunsill fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri | Reviżjoni | Is-semplifikazzjoni ta' l-Intrastat bil-ħsieb li jitħaffef ir-rappurtar statistiku mill-operaturi ekonomiċi, b'mod partikulari l-SMEs, billi jitqies l-eżitu tal-proġett pilota dejjem għaddej ta' l-ispejjeż amministrattivi u l-istudju ta' vijabilità futura biex janalizza l-possibbiltà tat-tħaddim ta' sistema tal-ġbir limitata għal fluss wieħed. |
| Modernizzazzjoni u tfassil mill-ġdid tas-sistema ta' kontroll tal-CFP skond ir-Regolament (KE) Nru 2847/93 | Tfassil mill-ġdid | L-għanijiet ewlenin huma r-reviżjoni, l-armonizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tar-regoli eżistenti – ir-Regolament (KEE) Nru 2847/93 – fil-qasam ta' kontroll tas-sajd. Il-modernizzazzjoni tal-proċeduri se tiffaċilita infurzar aħjar billi ttaffi l-piż u r-restrizzjonijiet fuq is-settur u l-amministrazzjonijiet pubbliċi u żżid l-użu ta' l-għodod ta' l-informatika biex jitnaqqsu l-obbligi tar-rrappurtar (eż. tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi). Hi tkun ta' interess ukoll għall-NGOs li jħeġġu favur regoli stretti u effettivi. |
| Proposta għal Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi r-regoli ta' l-implimentazzjoni għall-ġbir u l-amministrazzjoni tad-data meħtieġa għat-tmexxija | Reviżjoni | Il-proposta hija intiża biex tistabbilixxi regoli ta' l-implimentazzjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-ġbir tad-data fil-qafas il-ġdid, li attwalment qiegħed jiġi diskuss fil-Kunsill. L-innovazzjonijiet ewlenin se jinkludu l-appoġġ għall-modalitajiet ġodda bħall-ġestjoni bbażata fuq il-flotta u ż-żona u ċ-ċaqliqa lejn il-modalità ekosistema kif ukoll il-promozzjoni ta' modalità aktar |

| | | |
|---|---|---|
| tal-CFP | | reġjonali fil-ġbir tad-data. Barra minn dan, għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet ġodda dwar l-aċċess għad-data. |
| Reviżjoni ta' l-acquis dwar il-liġi tal-kumpaniji, il-kontabbiltà u l-verifika | Tfassil mill-ġdid | Miżuri li jissemplifikaw l-ambjent tal-liġi tal-kumpaniji għall-kumpaniji fil-kuntest tal-qafas "Regolazzjoni Aħjar" |
| Konsolidazzjoni ta' l-istandards u l-interpretazzjonijiet tal-kontabbiltà endorsjati għall-użu fl-UE | Tfassil mill-ġdid | Verżjoni konsolidata tar-Regolamenti ppubblikati dwar l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) tippermetti lill-kostitwenti li jirreferu għal Regolament wieħed biss għaliex ikun fih l-IFRS approvati kollha. F'dan il-kuntest l-iżbalji kollha ta' traduzzjoni li hemm fir-Regolamenti attwali se jiġu msewwija. |
| Tfassil mill-ġdid - Konsolidazzjoni tad-Direttiva dwar l-assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur | Kodifikazzjoni | Il-kodifikazzjoni tas-6 Direttivi attwali f'Direttiva waħda unika dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur sabiex l-acquis dwar l-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur ikun jiftiehem aktar, ikun aktar faċli biex jiġi applikat u aktar effettiv fl-ilħiq ta' l-għanijiet tiegħu. |
| Proposta għal Direttiva Kwadru dwar id-Drittijiet Kuntrattwali tal-Konsumatur | Reviżjoni | L-għan aħħari tar-reviżjoni ta' l-acquis, huwa li jissemplifika u jtejjeb il-koerenza tal-qafas regolatorju tal-konsumatur u b'hekk iżid iċ-ċertezza legali kemm għall-konsumaturi u kemm għan-negozji. L-istrument legali se jkun kombinazzjoni ta' kodifikazzjoni u tħassir ta' partijiet ta' direttivi eżistenti u l-ħruġ ta' regoli ġodda. L-aktar azzjoni regolatorja probabbli, li tiddependi fuq ir-riżultat finali tar-reviżjoni, se tkun l-approċċ imħallat għar-reviżjoni ta' l-acquis. Dan jikkonsisti fi strument orizzontali, mirfud kull meta meħtieġ minn soluzzjonijiet vertikali. |
| Semplifikazzjoni tal-proċeduri li jelenkaw u jippubblikaw it-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi. | Reviżjoni | L-għan aħħari huwa l-armonizzazzjoni u s-semplifikazzjoni, essenzjalment permezz ta' għodod ta' elettroniċi, il-proċeduri attwali għall-elenkar, l-aġġornar u l-ippubblikar tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi bħal-listi ta' stabbilimenti tas-saħħa ta' l-annimali approvati u organizzazzjonijiet għat-tnissil fl-Istati Membri u f'Pajjiżi Terzi u listi ta' ċerti laboratorji ta' referenza nazzjonali. Dan jirrigwarda tnejn u għoxrin att tal-Kunsill. |
| Armonizzazzjoni tal-Limiti Massimi ta' Residwi (MRL) għall-pestiċidi. | Reviżjoni | L-għan ewlieni ta' din il-proposta se jirrigwarda t-trasferiment u l-aġġornament bil-komitoloġija tal-lista ta' l-MRLs (l-Anness II) u ta' l-MRLs temporanji (l-Anness III) ibbażati fuq l-evalwazzjoni ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u fuq mudelli matematiċi/kalkoli ta' l-esperti. Il-proposta se tkun il-pass finali lejn l-armonizzazzjoni ta' l-MRLs nazzjonali diverġenti. It-tlestija tas-sostituzzjoni ta' 4 Direttivi b'regolament wieħed. |

| | | |
|---|---|---|
| Reviżjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-projbizzjoni totali fuq l-għalf tal-bhejjem | Reviżjoni | Projbizzjoni fuq it-tmigħ ta' laħam mammiferu u għadam mitħun (MBM) lill-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż kienet introdotta minn Lulju ta' l-1994. Din il-projbizzjoni parzjali kienet estiża għal sospensjoni totali f'kull parti ta' l-UE fuq l-użu tal-proteini ta' l-annimali pproċessati fl-għalf ta' kull annimal imrobbi għall-produzzjoni ta' l-ikel fl-1 ta' Jannar 2001 b'xi eċċezzjonijiet bħall-użu tal-konċentrat tal-ħut lill-annimali mhux ruminanti. Kull preżenza ta' kostitwenti pprojbiti li joriġinaw mill-annimali fl-għalf hija kkunsidrata bħala ksur tal-projbizzjoni fuq l-għalf tal-bhejjem jiġifieri tolleranza żero.<br><br>Wara l-adozzjoni tal-pjan direzzjonali tat-TSE l-Kummissjoni ħarġet dokument ta' ħidma mill-persunal tal-Kummissjoni jiġifieri l-Programm ta' Ħidma dwar it-TSE [SEC(2006) 1527] dwar l-azzjonijiet leġiżlattivi futuri fil-qasam ta' l-enċefalopatija sponġiformi li tittieħed. Wieħed mis-suġġetti ta' diskussjoni jirrigwarda r-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-projbizzjoni fuq l-għalf tal-bhejjem. Il-punt tat-tluq meta ssir ir-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet attwali dwar il-projbizzjoni fuq l-għalf tal-bhejjem għandu jkun ibbażat fuq ir-riskju iżda fl-istess ħin iqis l-għodod tal-kontroll fis-seħħ biex jevalwa u jiżgura l-implimentazzjoni xierqa ta' din il-projbizzjoni fuq l-għalf. |
| Reviżjoni tas-sigurtà ta' l-ikel fil-kummerċ ta' prodotti agrikoli bejn l-UE u l-Iżvizzera<br><br>- Deċiżjoni nru1/2008 tal-Kumitat Veterinarju Konġunt imwaqqaf bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli li temenda l-appendiċi għall-anness 11 tal-Ftehim<br><br>- Deċiżjoni li temenda d-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/881 dwar il-kontrolli fuq l-importazzjoni biex ikunu aboliti l-postijiet ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera bejn il-KE u l-Iżvizzera | Reviżjoni | Ir-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà se jikkonsistu:<br><br>- Fit-Tlestija tad-determinazzjoni ta' l-ekwivalenza bejn il-leġiżlazzjoni Żvizzera relatata mas-sigurtà ta' l-ikel u mal-politika veterinarja inklużi l-kontrolli veterinarji fuq il-fruntieri u l-kundizzjonijiet ta' l-importazzjoni, l-aġġornar tal-kontenut tal-Ftehim rigward leġiżlazzjonijiet adottati mill-aħħar modifikazzjoni tal-Ftehim.<br><br>- Billi l-Iżvizzera aċċettat li tapplika l-acquis tal-KE rigward is-saħħa ta' l-annimali, is-sigurtà ta' l-ikel u l-kontrolli ta' l-iġjene, se jkun hemm livell għoli uniformi ta' protezzjoni fil-KE u fl-Iżvizzera. Dan jippermetti l-abolizzjoni tal-kontrolli fuq il-fruntiera ta' bejniethom fuq il-kummerċ ta' l-annimali u tal-prodotti ta' l-annimali. |
| Tfassil mill-ġdid tal-leġiżlazzjoni dwar l-istandards tas-sigurtà bażiċi għall-ħarsien mill-perikli ġejjin mill-espożizzjoni għar-radjazzjoni jonizzanti | Tfassil mill-ġdid | It-tfassil mill-ġdid f'Direttiva tal-Kunsill unika ta' l-atti tal-Euratom relevanti dwar il-ħarsien mir-radjazzjoni inkluża r-reviżjoni sostanzjali tad-direttiva dwar l-Istandards Bażiċi ta' Sigurtà (BSS). L-għan hu li d-direttiva dwar il-BSS issir konformi mar-rakkomandazzjonijiet futuri tal-Kummissjoni Internazzjonali tal-Protezzjoni Radjoloġiku (ICRP), meta jkunu disponibbli. Fl-istess ħin il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni mir-radjazzjoni għandha tkun semplifikata. |

| | | |
|---|---|---|
| Proposta leġiżlattiva li tirrevedi d-Direttiva tal-Kunsill 2006/67/KE bl-għan li ssaħħaħ is-sistema Ewropea tal-ħażniet taż-żejt ta' emerġenza | Reviżjoni | Is-sistema attwali ta' emerġenza fil-ħażniet taż-żejt turi l-limitazzjonijiet u n-nuqqasijiet f'diversi aspetti. Id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti se jkunu riveduti sabiex tinħoloq sistema li taħseb għall-interruzzjonijiet fil-provvista taż-żejt. Il-proposta l-ġdida se tieħu post Direttivi eżistenti u se tikkontribwixxi għas-semplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE. |
| Tfassil mill-ġdid tad-Direttiva 2002/91/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-Prestazzjoni ta' l-Enerġija tal-Bini | Tfassil mill-ġdid jew Reviżjoni | Id-Direttiva dwar il-Prestazzjoni ta' l-Enerġija tal-Bini tagħmel iċ-ċertifikati tal-prestazzjoni ta' l-enerġija tal-bini obbligatorja meta l-bini jinbena, jinbiegħ jew jinkera u titlob rekwiżiti minimi għall-prestazzjoni ta' l-enerġija għall-bini ġdid u għall-bini eżistenti li jsirlu tibdil estensiv. Barra minn dan, id-Direttiva titlob spezzjonijiet regolari tal-bojlers u tas-sistemi tal-kundizzjonaturi ta' l-arja sabiex jiggarantixxu l-operazzjoni effiċjenti fl-enerġija tagħhom. Direttiva emendata tista' twessa' l-ambitu għal aktar bini, issaħħaħ u tispeċifika xi wħud minn dawn ir-rekwiżiti u żżid, per eżempju, aspetti ta' ffinanzjar. It-tibdil li qed jiġi kkunsidrat għandu l-għan li jegħleb ħafna ostakli li jfixklu l-użu tal-potenzjal vast għal tnaqqis fid-domanda għall-enerġija fis-settur tal-bini. It-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva huwa parti mill-pakkett dwar ir-Reviżjoni Strateġika ta' l-Enerġija u inkluż fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Enerġija. L-emendi se jkopru xi artikoli tad-Direttiva u jżidu oħrajn ġodda. Is-"semplifikazzjoni" se tikkonsisti fl-użu tat-teknika tat-"tfassil mill-ġdid" biex tiffaċilita l-qari u l-fehim mill-awtoritajiet li jimplimentaw u mill-ħafna partijiet interessati milquta. |
| Tfassil mill-ġdid tad-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE tat-22 ta' Settembru 1992 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ittikkettjar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum ta' l-enerġija u riżorsi oħra skond l-apparat tad-dar | Tfassil mill-ġdid | Emenda għad-Direttiva kwadru eżistenti biex twessa' l-ambitu tagħha (lil hinn mit-tagħmir tad-dar) u aġġornament għall-għodda ta' komunikazzjoni moderni (eż. l-Internet) biex tiżdied il-kuxjenza tal-pubbliku/konsumaturi dwar il-prodotti effiċjenti. Is-semplifikazzjoni tinkiseb bl-użu tat-teknika tat-tfassil mill-ġdid għall-konsolidazzjoni tad-Direttiva oriġinali bl-emendi tagħha f'dokument uniku. |
| Proposta biex titfassal mill-ġdid il-leġiżlazzjoni rigward l-"ewwel pakkett ferrovjarju" wara r-rapport ta' l-2006 dwar l-implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikulari għar-rekwiżiti rigward ir-relazzjonijiet bejn il-maniġers ta' l-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji | Tfassil mill-ġdid | L-ewwel pakkett ferrovjarju u dawk suċċessivi huma strumenti legali biex jilħqu l-għan tal-Komunità li toħloq Żona Ferrovjarja Ewropea permezz tal-ftuħ tas-suq, kif ukoll l-integrazzjoni teknika u regolatorja tas-suq. Hekk kif is-swieq tal-ferrovija jittrasformaw, tidher xierqa r-reviżjoni dejjem għaddejja ta' l-adegwatezza tal-qafas legali ta' l-UE bil-possibbiltà ta' semplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni. Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tippreżenta komunikazzjoni flimkien mal-proposta għall-modifikazzjoni/tfassil mill-ġdid ta' l-atti eżistenti, speċjalment id-Direttivi 91/440/KEE u 2001/14/KE. L-għan politiku huwa t-tisħiħ tal-kompetittività tat-trasport bil-ferrovija fl-Ewropa u biex b'hekk tikkontribwixxi lejn l-ilħiq ta' l-għanijiet ta' l-istrateġija ta' Liżbona. It-tfassil mill-ġdid għandu l-għan li jissemplifika t-test tat-tliet Direttivi ta' l-ewwel pakkett ferrovjarju billi jgħaqqadhom f'att legali wieħed, il-'kodiċi ta' l-aċċess ferrovjarju'. Bl-eliminazzjoni tar-referenzi reċiproċi eżistenti bejn id-Direttivi, il-qari u l-implimentazzjoni se jsiru eħfef għall-awtoritajiet li jimplimentaw u għall-ħafna partijiet interessati milquta. |

| | | |
|---|---|---|
| Reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 94/56 li tistabbilixxi l-prinċipji fondamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti ta' avjazzjoni ċivili u tad-Direttiva 2003/42 dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili | Reviżjoni jew Tfassil mill-ġdid | Id-direttiva aktar qadima għandha bżonn tiġi modernizzata wara t-twaqqif ta' l-EASA u wara l-parir tal-Grupp ta' Esperti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-KE 2003/425. Barra minn dan id-direttiva l-ġdida għandha bżonn tkompli tinbena biex toħloq sett minimu ta' funzjonijiet ċentralizzati, inkluż database li tippermetti lill-entitajiet approprjati li jwettqu analiżi tax-xejriet jew studji oħra, u li jżommu ruħhom infurmati dwar ir-rakkomandazzjonijiet tas-sigurtà, filwaqt li jipprovdu t-tagħrif lill-pubbliku ġenerali. Iż-żewġ direttivi se jinbidlu b'leġiżlazzjoni unika. L-għan tas-semplifikazzjoni huwa li jittieħed vantaġġ mir-reviżjoni meħtieġa tad-Direttiva 94/56 biex tkun addattata għall-iżviluppi reċenti billi tingħaqad mad-Direttiva 2003/42 biex jinħoloq att leġiżlattiv uniku billi ż-żewġ direttivi jittrattaw l-użu tat-tagħrif miksub biex itejbu l-prevenzjoni ta' l-inċidenti. |
| Immodernizza d-Direttiva 96/98 dwar it-Tagħmir Marittimu | Tfassil mill-ġdid jew Reviżjoni | L-għan huwa l-immodernizzar u r-riforma tas-sistema eżistenti stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE dwar it-tagħmir marittimu. L-għanijiet ewlenin tagħha huma : 1) il-produzzjoni ta' verżjoni konsolidata tat-test wara l-emendi suċċessivi tad-Direttiva 2) it-titjib fil-funzjonament tas-sistema tad-Direttiva bl-indirizzar tan-nuqqasijiet eżistenti ; 3) l-addattament tagħha għar-riforma ta' l-Approċċ il-Ġdid. Hemm l-intenzjoni li d-Direttiva eżistenti tiħassar u tinbidel b'waħda ġdida għal kollox, filwaqt li mhux eskluż ir-rikors għat-tfassil mill-ġdid. Attwalment, id-Direttiva teħtieġ emendi perjodiċi sabiex iżżomm il-pass mar-rekwiżiti tas-sigurtà u ma' l-istandards tekniċi stabbiliti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali kif ukoll mill-korpi internazzjonali u Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni. Dan joħloq diskrepanza inevitabbli bejn il-kwadri regolatorji Ewropej u internazzjonali, li xi drabi jdum diversi snin, u li l-korrezzjoni tiegħu tiffaċilita bil-kbir il-ħidma tas-setturi kkonċernati u għalhekk tiffavorixxi l-kompetittività ta' l-industrija tat-tagħmir marittimu Ewropea. Barra minn dan, l-addattament tad-direttiva għall-kwadru regolatorju l-ġdid dwar il-moviment liberu ta' l-oġġetti (ir-reviżjoni ta' l-approċċ il-ġdid) huwa mistenni li jtejjeb il-leġibbiltà ta' dan l-istrument u jnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-industrija. Iż-żmien ta' l-adozzjoni jiddependi mill-ilħiq ta' progress sinifikanti sa Diċembru ta' l-2007 fil-proċess leġiżlattiv fir-rigward tar-reviżjoni ta' l-Approċċ il-Ġdid. |
| Trasport ta' materjal radjuattiv | Tfassil mill-ġdid | L-għan huwa l-aġġornament u s-semplifikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-Komunità rigward it-trasport ta' materjal radjuattiv. Attwalment hemm aktar minn 20 Direttiva, Regolament u Rakkomandazzjoni li jirregolaw it-trasport ta' materjal radjuattiv fl-UE. L-armonizzazzjoni se twassal għas-semplifikazzjoni tar-regoli u tal-proċeduri. |

(45 inizjattiva)

# Anness 3 – Lista tat-tneħħija ta' proposti pendenti

| Titolu | COM/SEC/numru inter-istituzzjonali | Ġustifikazzjoni |
|---|---|---|
| Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-regolament tal-Kunsill 827/68 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq f'ċerti prodotti elenkati fl-Anness II għat-Trattat | COM(1991)328 | Din il-proposta ġiet issuperata mir-riforma sussegwenti u ntemmilha l-użu. |
| Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill 820/97, li jistabbilixxi sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini u t-tikkettjar ta' ċanga u prodotti taċ-ċanga | COM(1999)487/2 - 1999/0205/COD | Wara l-adozzjoni tar-Regolament 1760/2000 dwar l-identifikazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga, u t-tħassir tar-Regolament 820/97, din il-proposta m'għadhiex fl-użu. |
| Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-użu ta' l-arranġamenti ta' l-ipproċessar 'il ġewwa fil-ġestjoni ta' ċerti swieq agrikoli | COM(2000)868 - 2000/0349/CNS | Din il-proposta ġiet issuperata minn riforma sussegwenti u b'mod partikolari mill-proposta dwar is-CMO unika attwalment diskussa mill-Kunsill, u ntemmilha l-użu |
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni mwaqqaf mill-Ftehim Ewropew bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, fuq in-naħa l-oħra, rigward l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali | COM(1999)677 | Wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, din u ż-żewġ proposti li jmiss (677, 683, u 495) intemmilhom l-użu |
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni mwaqqaf mill-Ftehim Ewropew bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tar-Rumanija, fuq in-naħa l-oħra, rigward l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali | COM(1999)683 | Bħal ta' fuq. |
| Proposta għal DEĊIŻJONI/KE/ECSC TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI dwar il-konklużjoni ta' Protokoll addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi l-assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tar-Rumanija, fuq in-naħa l-oħra, rigward l-estensjoni tal-perjodu previst fid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 tal-Ftehim Ewropew mar-Rumanija | SEC(2002)495/4 - 2002/0215/CNS | Bħal ta' fuq. |

| | | |
|---|---|---|
| Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali | COM(2001)139 - 2001/0076/COD | Billi nbidlet bi proposta ġdida dwar l-istess suġġett - COM(2007)51 - 2007/0022/COD, 9/02/2007, din il-proposta ntemmilha l-użu. |
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku | COM(2004)606 | Din kienet proposta fil-komitoloġija li dwarha l-Kunsill ma wasalx biex jagħti opinjoni. Għalhekk il-Kummissjoni għaddiet biex tadotta d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 618/2005 u din il-proposta ntemmilha l-użu. |
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda għall-għanijiet ta' l-adattar għall-progress tekniku l-Anness tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku | COM(2005)241 | Din kienet proposta fil-komitoloġija li dwarha l-Kunsill ma ħax azzjoni fi żmien tliet xhur u sussegwentement il-miżuri rilevanti ġew adottati mill-Kummissjoni. Il-proposta ntemmilha l-użu. |
| Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3317/94 rigward l-awtorizzazzjoni tas-sajd fl-ilmijiet ta' kull pajjiż terz | COM(2005)238 - 2005/0110/CNS | Proposta ġdida ġiet adottata mill-Kummissjoni, COM/2007/330 - 2007/0114 (CNS), 18/06/2007, dwar l-awtorizzazzjoni tas-sajd, li wasslet biex din il-proposta ntemmilha l-użu. |
| Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL rigward il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Unita tat-Tanżanja dwar is-sajd fiż-żona tas-sajd tat-Tanżanja | COM(2005)693 - 2005/0276/CNS | Wara n-nuqqas ta' ratifikazzjoni mit-Tanżanja ta' l-abbozz tal-ftehim li kien ġie inizjalat, din il-proposta m'għandha l-ebda skop u ntemmilha l-użu. |
| Proposta dwar il-POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL dwar l-innotifikar tal-Kunsill ta' l-Ewropa, skond l-Artikolu 28(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957, dwar l-applikazzjoni mill-Istati Membri, bejniethom, tal-mandat ta' arrest Ewropew | COM(2003)253 | Din il-proposta m'għandha l-ebda skop billi l-Istati Membri għamlu d-dikjarazzjonijiet tagħhom lill-Kunsill ta' l-Ewropa. Għalhekk intemmilha l-użu. |
| Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jipprevjeni l-provvista ta' ċerti merkanziji u servizzi lil-Libja u jillimita l-użu tal-fondi jew riżorsi finanzjarji oħra li huma l-proprjetà jew ikkontrollati mil-Libja | COM(1994)91 | Billi proposta dwar din il-materja kienet ġiet adottata u l-miżuri ppjanati kienu ġew implimentati, din il-proposta ntemmilha l-użu. |

| | | |
|---|---|---|
| Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2894/94 rigward l-arranġamenti għall-implimentar tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea | COM(1999)561 - 1999/0223/AVC | L-għan ta' din il-proposta, li l-Kunsill jawtorizza l-Kummissjoni biex tiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-programmi għall-pajjiżi taż-ŻEE, kif mitlub min-naħa ta' l-EFTA li kienet qed tfittex parteċipazzjoni aktar kmieni f'dawn il-programmi, ma setax jintlaħaq, għaliex l-Istati Membri fil-Kunsill iridu jżommu r-regola eżistenti, li jiddeċiedu huma dwar kull estensjoni taż-ŻEE, għaliex din dejjem għandha implikazzjonijiet fuq il-baġit. F'dawn iċ-ċirkostanzi, billi l-Kummissjoni ddeċidiet li tbiddel l-approċċ tagħha u taċċetta r-regola eżistenti, din il-proposta ntemmilha l-użu. |
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Mercosur dwar ir-regoli tal-proċedura tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni | COM(1999)600 | L-adozzjoni ta' dawn ir-regoli ta' proċedura ma kinitx prevista, billi l-proposti tal-Kummissjoni kienu meqjusa inkompleti, u l-materja tneħħiet minn fuq l-aġenda ta' l-ewwel Kunsill Konġunt ta' l-UE-Mercosur li kkonkluda fil-laqgħa tiegħu ta' l-24.11.99 li għandhom jiġu adottati aktar tard. Madankollu, l-ebda deċiżjoni ma ttieħdet dwar din il-kwistjoni minn dak iż-żmien. Din il-proposta ntemmilha l-użu. |
| Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda, għat-tielet darba, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2465/1996 dwar il-waqfien ta' relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji bejn il-Komunità Ewropea u l-Iraq | COM(2003)214 | Tibdil fiċ-ċirkostanzi u fl-approċċ tal-Kummissjoni. Il-proposta ntemmilha l-użu. |
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-deċiżjoni 2002/834/KE li tadotta program speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: L-Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew Tar-Riċerka (2002-2006) | COM(2003)390 - 2003/0151/CNS | Din il-proposta hija rilevanti għas-Sitt Programm Kwadru li ntemm fl-2006. Għalhekk intemmilha l-użu. |
| Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-użu tas-solventi ta' l-estrazzjoni fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel (Verżjoni kkodifikata) | COM(2003)467 - 2003/0181/COD | Din il-proposta se tinbidel bi proposti mfassla mill-ġdid li jinkorporaw l-allinjament għar-regoli l-ġodda tal-Komitoloġija. Hi ntemmilha l-użu. |
| Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fond ta' Koeżjoni (Verżjoni kkodifikata) | COM(2003)352 - 2003/0129/AVC | Din il-proposta ntemmilha l-użu għaliex tħassar l-att li qed jiġi kkodifikat. |

| | | |
|---|---|---|
| Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-oġġetti ta' l-ikel intenzjonati għall-użi nutrizzjonali partikulari (Verżjoni kkodifikata) | COM(2004)290 - 2004/0090/COD | Din il-proposta se tinbidel bi proposti mfassla mill-ġdid li jinkorporaw l-allinjament għar-regoli l-ġodda tal-Komitoloġija. Hi ntemmilha l-użu. |
| Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar ir-rati ta' konverżjoni bejn l-euro u l-muniti ta' l-Istati Membri li jadottaw l-euro (Verżjoni kkodifikata) | COM(2004)32 - 2004/0009/CNS | Din il-proposta ntemmilha l-użu, għaliex problema insuperabbli fil-bażi ġuridika wasslet biex ma jkunx hemm mod għall-adozzjoni tal-kodifikazzjoni. |
| Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar il-miżuri finanzjarji u tekniċi li jakkompanjaw (MEDA) ir-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali fil-qafas tas-sħubija Ewro-Mediterranja (Verżjoni kkodifikata) | COM(2004)77 - 2004/0024/CNS | Din il-proposta ntemmilha l-użu għaliex tħassar l-att li qed jiġi kkodifikat. |
| Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li tintroduċi l-miżuri minimi tal-Komunità għall-kontroll ta' ċertu mard li jeffettwa l-molluski bivalvi (Verżjoni kkodifikata) | COM(2004)326 - 2004/0100/CNS | Din il-proposta ntemmilha l-użu għaliex tħassar l-att li qed jiġi kkodifikat. |
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-Proċeduri ta' Koordinazzjoni u ta' Tagħrif f'Materji tal-Krediti ta' Esportazzjoni b'Sussidju Uffiċjali, ta' l-Assigurazzjoni ta' Kreditu, tal-Garanziji ta' Kreditu u tal-Krediti Finanzjarji | COM(1992)502 | Il-kuntest tal-krediti ta' l-esportazzjoni nbidel totalment minn mindu l-proposta kienet introdotta u l-kontenut ma jirriflettix il-prattiċi finanzjarji aġġornati. Din il-proposta għalhekk intemmilha l-użu. |
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-Protokoll (2001) li jemenda l-Anness tal-Ftehim dwar il-Kummerċ ta' Ajruplani Ċivili | COM(2002)112 - 2002/0055/ACC | Din il-proposta m'għadhiex fl-użu fid-dawl tal-ftehim il-ġdid dwar l-inġenji ta' l-ajru. |
| Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi dazji doganali addizzjonali fuq ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika | COM(2002)285 - 2002/0121/ACC | Din il-proposta nbidlet b'waħda modifikata fuq l-istess suġġett adottata mill-Kummissjoni bħala COM(2002)316 – 2002/0095/ACC, 19/04/2002. Hija għalhekk intemmilha l-użu. |
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim f'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja rigward is-sistema tranżitorja ta' punti li tapplika għal vetturi li jġorru merkanzija tqila li jgħaddu mill-Awstrija | COM(2003)833/2 - 2003/0319/CNS | L-iskema ta' l-Ekopunti skadiet effettivament fl-aħħar ta' l-2006, għalhekk l-adozzjoni ta' din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill - u l-konklużjoni tal-ftehim mar-Repubblika tal-Kroazja la hija meħtieġa u lanqas mixtieqa |
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim f'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Slovenja rigward is-sistema tranżitorja ta' punti li tapplika għal vetturi li jġorru merkanzija tqila li jgħaddu mill-Awstrija mill-1 ta' Jannar 2004 sat-30 t'April 2004 | COM(2003)835/2 - 2003/0320/CNS | L-iskema ta' l-Ekopunti skadiet effettivament fl-aħħar ta' l-2006, għalhekk l-adozzjoni ta' din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill - u l-konklużjoni tal-ftehim mar-Repubblika tas-Slovenja la hija meħtieġa u lanqas mixtieqa |

| | | |
|---|---|---|
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni ta' l-arranġament amministrattiv f'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera rigward is-sistema tranżitorja ta' punti li tapplika għal vetturi li jġorru merkanzija tqila li jgħaddu mill-Awstrija | COM(2003)836/2 - 2003/0322/CNS | L-iskema ta' l-Ekopunti skadiet effettivament fl-aħħar ta' l-2006, għalhekk l-adozzjoni ta' din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill - u l-konklużjoni tal-ftehim mal-Konfederazzjoni Żvizzera la hija meħtieġa u lanqas mixtieqa |
| Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim f'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja rigward is-sistema tranżitorja ta' punti li tapplika għal vetturi li jġorru merkanzija tqila li jgħaddu mill-Awstrija | COM(2003)837/2 - 2003/0323/CNS | L-iskema ta' l-Ekopunti skadiet effettivament fl-aħħar ta' l-2006, għalhekk l-adozzjoni ta' din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill - u l-konklużjoni tal-ftehim ma' l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja la hija meħtieġa u lanqas mixtieqa |

(30 tneħħija)

## ANNESS 4

## KOMUNIKAZZJONIJIET PRIJORITARJI GĦALL-2008

Il-Kummissjoni qablet li tikkunsidra dawn li ġejjin bħala l-komunikazzjoni inter-istituzzjonali prijoritarji:

**Il-komunikazzjonijiet inter-istituzzjonali prijoritarji previsti għall-2008**

- It-Trattat tar-Riforma
- L-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima
- Is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali

**Il-komunikazzjonijiet prijoritarji previsti għall-2008**

- It-Trattat tar-Riforma

L-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi u regolazzjoni aħjar

- L-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima
- Il-Migrazzjoni
- Ir-rwol ta' l-UE fid-Dinja
- Ir-Reviżjoni tal-Baġit
- L-Inventarju tar-Realtà Soċjali